



EESC info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

March 2025 | MT

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORIAL



Editorjal

Jingħelbu l-firdiet: Kif is-soċjetà ċivili tista' tiġġielel il-polarizzazzjoni dannuża

Fi żmien fejn is-soċjetajiet tagħna qed jiffaċċjaw polarizzazzjoni dejjem akbar u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi qed tonqos, is-soċjetà ċivili jeħtiġilha tilqa' l-isfida. Il-polarizzazzjoni, fiha nnifisha, mhux dejjem hija negattiva; id-dibattitu demokratiku jistagħna bil-perspettivi differenti. Madankollu, meta l-polarizzazzjoni twassal għal ostilità, diżinformazzjoni, u diviżjoni, din thedded il-pedamenti proprji tad-demokraziji tagħna.

Matul il-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili ta' din is-sena, rajna eżempji notevoli ta' inizjattivi li jiġġieldu l-polarizzazzjoni dannuża. Il-Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili enfażizza l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq il-litteriżmu medjatiku, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, u t-trawwim tad-dialogu interġenerazzjonali. Dawn huma t-tipi ta' proġetti li jridu jiġu appoġġati jekk irridu nibnu soċjetajiet reżiljenti u koeżivi.

Madwar l-Ewropa, qed naraw żieda fil-frammentazzjoni tas-soċjetà. L-isfidi huma numerużi: inugwaljanzi ekonomiċi, esklużjoni soċjali, miżinformazzjoni diġitali, u estremiżmu politiku. Iż-żieda reċenti ta' movimenti populist madwar l-Ewropa, it-tnaqqis fil-pluraliżmu tal-media, u t-tnaqqis fil-fiduċja fl-istituzzjonijiet juru kif il-polarizzazzjoni tixpruna l-iskuntentizza. Dawn ix-xejriet idgħajfu l-istrutturi demokratiċi u jnaqqsu l-koeżjoni soċjali. Fi żminijiet bħal dawn, is-soċjetà ċivili mhijiex biss parteċipant fil-proċess demokratiku – hija gwardjan tar-reżiljenza tiegħu.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ilhom fuq quddiem nett fid-difiża tal-valuri demokratiċi. Huma jaġixxu bħala medjaturi, billi jippreżentaw diversi vuċijiet fid-diskussjonijiet, jiġġieldu kontra l-miżinformazzjoni, u jrawmu dibattiti pubbliċi infurmati. Huma jipprovdu pjattaforma għal dawk li jħossuhom mhux mismugħa, jippromovu politiki inklużivi li jegħlbu l-firdiet aktar milli japprofonduhom. Permezz tal-involvement ċiviku, diskussjonijiet ibbażati fuq il-fatti, u inizjattivi li jippromovu t-tolleranza, is-soċjetà ċivili tiġġielel b'mod attiv il-forzi tad-diviżjoni.

Il-KESE jemmen bis-sħiħ li t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u d-dialogu huwa l-unika triq 'il quddiem. Aħna naraw dan fil-ħidma tagħna kull jum – il-membri tagħna, li jirrappreżentaw lill-impjegaturi, lit-trade unions, u lill-NGOs, jinvolvu ruħhom f'dibattiti mqanqla, iżda dejjem bil-għan li tinstab bażi komuni. Is-saħħa tagħna tinsab fil-kunsens, u dan huwa l-mudell li jrid jiġi estiż madwar l-Ewropa.

Is-soċjetà ċivili għandha tingħata s-setgħa li taqdi r-rwol sħiħ tagħha fl-indirizzar tal-polarizzazzjoni. Dan ifisser li jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, tiġi protetta l-kapaċità tagħhom li joperaw liberament, u jitrawwem ambjent fejn il-kontributi tagħhom għall-ħajja demokratika jiġu rikonoxxuti u apprezzati. Il-mekkaniżmi parteċipattivi, kemm jekk permezz ta' konsultazzjonijiet maċ-ċittadini, inizjattivi fil-livell lokali, jew għodod ta' demokrazija deliberattiva, iridu jissaħħu biex jiġi żgurat li n-nies iħossuhom inklużi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-futur tal-Ewropa jiddependi fuq li ċ-ċittadini tagħha jħossuhom rappreżentati, impenjati u mismugħa. Is-soċjetà ċivili mhijiex aċċessorju għad-demokrazija – hija s-sinsla tagħha. Hekk kif ninnavigaw era ta' diviżjoni, jeħtiġilna ngħammruha bl-għodod, ir-rikonoxximent u l-ispazju li teħtieġ biex tkompli tissalvagwardja l-valuri demokratiċi tagħna. Bit-trawwim tad-dialogu, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, u l-ġlieda kontra l-estremiżmu, is-soċjetà ċivili tista' tkun il-forza

li tibdel il-polarizzazzjoni minn sors ta' kunflitt għal mutur ta' dibattitu kostruttiv u progress soċjali.

Ejjew naħdmu flimkien biex niżguraw li d-diviżjoni ma tiddefinixxix il-futur tagħna. Minflok, ejjew nibnu Ewropa fejn id-diversità tal-opinjoni ssaħħaħ l-għaqda tagħna, fejn l-impenn jibni mill-ġdid il-fiduċja, u fejn is-soċjetà ċivili tkun minn ta' quddiem biex tnaqqas id-distakk.

Oliver Röpke

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

3 ta' April 2025

Djalogu Soċjali li jiffunzjona għal Kwalità Mtejba tal-Ħajja u tax-Xogħol fir-Reġjun tal-Balkani tal-Punent, Tirana (l-Albanija)

10 ta' April 2025

Lejn pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-mard rari, Varsavja (il-Polonja)

29 u 30 ta' April 2025

Sessjoni plenarja tal-KESE



IL-MISTIEDEN SORPRI?A

Il-mistieden sorpriża tagħna huwa **Nicolas Gros-Verheyde**, ġurnalist Franċiż, awtur u espert fid-difiża u fil-politika barranija. Huwa janalizza l-ħames proposti tal-pjan ReArm Europe, ippreżentat reċentement mill-Kummissjoni Ewropea biex tissaħħaħ id-difiża Ewropea fost tħassib li qed jiżdied dwar l-

impenn tal-Istati Uniti għas-sigurtà Ewropea.

Nicolas Gros-Verheyde ilu ġurnalist mill-1989. Huwa ħadem għal Ouest France, ARTE, LCI u France Culture bħala korrispondent tal-UE u tan-NATO. Huwa magħruf u rrispettat fiċ-ċrieki Ewropej għall-għarfien estensiv tiegħu dwar l-affarijiet Ewropej u l-politika barranija u ta' difiża. Huwa direttur editorjali ta' B2, sit web li nħoloq fl-2008 u jirrappreżenta l-istrument tal-media ewlieni u l-aktar komprensiv dwar id-difiża u d-

diplomazija Ewropea. Is-sit web huwa ġestit minn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ bħala kooperattiva ta' ġurnalisti, u huwa ffinanzjat mill-abbonamenti. <https://club.bruxelles2.eu/>

Awtur tal-kotba *Défense européenne à l'heure de la guerre en Ukraine* (Id-difiża Ewropea fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna), *La politique européenne de sécurité et de défense commune. "Parce que l'Europe vaut bien une défense"* (Il-politika Ewropea ta' sigurtà u ta' difiża komuni "Għax l-Ewropa jistħoqqilha difiża"), u *Europe de la défense* (L-Ewropa tad-difiża) kif ukoll huwa espert tal-aħbarijiet politiċi fuq LN24, France-Info u RTBF.



COPYRIGHT: NICOLAS GROS-VERHEYDE

IL-PJAN REARM EUROPE

Ta' Nicolas Gros-Verheyde

Il-pjan ReArm Europe ġie ppreżentat mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen u ġie approvat mis-27 Stat Membru f'summit speċjali fis-6 ta' Marzu. Fih ħames proposti ewlenin; ċertament huma interessanti, iżda jistħoqqilhom ukoll aktar diskussjoni.

L-ewwel proposta hija l-flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tattiva l-klawżola liberatorja tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li tippermetti lill-Istati Membri jżidu l-infiq għad-difiża b' 1,5 % tal-PDG mingħajr ma jirriskjaw il-ftuħ ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv. L-iffrankar mistenni? "Kważi EUR 650 biljun" fuq erba' snin. L-Ewropa jeħtieġ li żżid b'mod sinifikanti l-infiq tagħha għad-difiża, targumenta Ursula von der Leyen.

It-tieni proposta hija strument ġdid ta' self għad-difiża.

Dan l-istrument ikun jiswa EUR 150 biljun, iffinanzjat permezz ta' self mill-baġit tal-UE taħt sistema simili għall-assistenza makrofinanzjarja. Hija maħsuba biex tintuża f'oqsma ta' prijorità fejn hemm nuqqasijiet serji: difiża tal-ajru u tal-missili (l-inizjattiva Ġermaniża European Sky Shield), sistemi tal-artillerija, missili u munizzjon, sistemi ta' drones u ta' kontra d-drones, abilitanti strateġiċi, protezzjoni tal-infrastruttura kritika (inkluż fir-rigward tal-ispazju), mobilità militari, ċibernetika, intelliġenza artifiċjali u gwerra elettronika.

Biex tħaffef il-proċess, il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-Artikolu 122 tat-Trattat: meta jintuża f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan jirrikjedi sempliċement il-qbil tal-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill tal-UE, waqt li l-Parlament Ewropew ikun infurmat biss. Dan biex jiġi evitat il-proċess demokratiku li jista' jiġi kkontestat. Il-pjan biex tissaħħaħ id-difiża tal-Ewropa ġie approvat fis-summit ta' Versailles f'Marzu 2022 – tliet snin ilu! Jidher li huwa diffiċli li wieħed jiġġustifika li dan jissejjaħ "urġenti".

It-tielet proposta hija li jintużaw il-fondi reġjonali.

Fuq medda qasira ta' żmien, il-Kummissjoni tinsisti li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel aktar bil-baġit Ewropew billi talloka mill-ġdid fondi minn ċerti intestaturi tal-baġit. Tipproponi li l-Istati Membri jingħataw l-għażla "li

jużaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni biex iżidu l-infiq fuq id-difiża", u trid tiffaċilita l-proċess għal trasferimenti volontarji lejn fondi oħra tal-UE b'objettiv ta' difiża.

Dan jirrappreżenta tnaqqis kbir fil-pjan baġitarju pluriennali attwali (2021-2027). Il-mistoqsija hija: għandna nissagrifikaw il-koeżjoni soċjali jew reġjonali għall-fini tad-difiża? Din kwistjoni għal dibattitu.

Fl-istess ħin, il-pjattaforma STEP għat-teknoloġiji strateġiċi tista' tiġi mobilizzata aktar billi tiġi estiża għat-teknoloġiji kollha fis-settur tad-difiża. Possibbiltà oħra, skont il-Kummissjoni, hija r-rilassament tar-restrizzjonijiet eżistenti, bħar-regoli tal-kompetizzjoni jew ir-regoli dwar il-prefinanzjament u l-kofinanzjament.

Ir-raba' proposta hija s-self mill-BEI.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-azzjonisti tiegħu (l-Istati Membri) ripetutament esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għal kwalunkwe pass ulterjuri lejn self lis-settur purament militari, u li jippreferu s-settur doppju. Il-Kummissjoni għalhekk qed tinsisti li tinbidel il-politika tal-BEI.

Il-ħames proposta hija l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat.

L-għan huwa li l-kumpaniji tad-difiża jingħataw l-aħjar aċċess possibbli għall-kapital, għall-finanzjament – problema rikorrenti għall-industrija. Din l-idea għandha tiġi inkluża fil-komunikazzjoni dwar Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti.



DRITT G?ALL-PUNT

Il-membru tal-KESE Marcin Nowacki, relatur tal-Opinjoni dwar Finanzjament tad-difiża fl-UE, jelenka r-rakkomandazzjonijiet tal-

KESE għat-tiżi tas-sigurtà tal-UE. Issa li t-theddid għas-sigurtà qed jiżdied u l-alleanzi qed jinbidlu, il-KESE qed jappella għal mekkaniżmu ta' difiża tal-UE unifikat u robust. L-Ewropa ma tistax tibqa' tiddependi daqstant bil-qawwa mill-fornituri tal-armi mhux tal-UE, kif inhu l-każ bħalissa. Iżda l-kwistjoni mhijiex biss dwar żieda fl-infiq – hija pjuttost dwar infiq b'mod għaqli u effiċjenti.



DIFI?A EWROPEA: KWISTJONI TA' NFIQ G? AQLI U EFFI?JENTI

Minn Marcin Nowacki

Hekk kif l-Ewropa qed taffaċċja xenarju ġeopolitiku li qed jevolvi malajr, tqum mistoqsija ewlenija: kif tista' l-Unjoni Ewropea tiżgura s-sigurtà tagħha f'dinja dejjem aktar inċerta? Fl-Opinjoni dwar [Finanzjament tad-difiża fl-UE](#), il-KESE jippreżenta pjan direzzjonali komprensiv għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-UE u t-tħejjija għall-isfidi attwali u futuri.

Din l-Opinjoni tasal fi żmien li fih qed jiżdied t-theddid għas-sigurtà. Fil-qalba tal-pożizzjoni tal-KESE hemm sejħa għal mekkaniżmu ta' finanzjament tad-difiża fl-UE unifikat u robust. L-istrutturi ta' finanzjament attwali mhumiex adegwati, u hemm bżonn bidla. Mingħajr approċċ aktar koordinat għall-finanzjament tad-difiża, l-UE tinsab fil-periklu li taqa' lura fil-protezzjoni tal-interessi tagħha. Fost it-tħassib imsemmi fl-Opinjoni hemm il-fatt li "78 % tal-EUR 75 biljun minfuqa mill-pajjiżi tal-UE fuq l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża marru għand fornituri mhux tal-UE", kif jingħad fir-rapport tal-Kummissjoni dwar [Il-futur tal-kompetittività Ewropea](#). Din id-dipendenza dejjem tikber minn fornituri esterni ma tistax tiġi injorata.

Madankollu, mhijiex biss kwistjoni ta' nfiq akbar, imma infiq b'mod għaqli u effiċjenti. Il-KESE jirrakkomanda t-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-UE u n-NATO, iż-żieda fil-finanzjament għal inizjattivi bħall-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi, u l-enfasi fuq akkwist konġunti biex ir-riżorsi jiġu integrati u l-kostijiet jitnaqqsu. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li l-membri Ewropej tan-NATO jimpenjaw mill-inqas 2,5 % tal-PDG tagħhom għad-difiża, pass li se jsaħħaħ ir-rispons tal-Ewropa għat-theddid ġeopolitiku attwali. Din il-mira ta' nfiq oġhla tiżgura li l-membri Ewropej tan-NATO jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għas-sigurtà kollettiva, waqt li jżommu s-sovraniżmu sħiħ fuq il-forzi armati tagħhom.

Barra minn hekk, inizjattivi bħall-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) u l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) huma essenzjali biex isaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża tal-UE. Dawn l-isforzi se jippermettu lill-Ewropa tlaqqa' flimkien ir-riżorsi b'mod effettiv, u tiżgura kemm il-preparatezza militari kif ukoll dik ċivili.

L-avvanzi teknoloġiċi, inklużi l-intelliġenza artifiċjali, id-droni u ċ-ċibersigurtà, qed isiru dejjem aktar essenzjali għas-sigurtà nazzjonali. Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-investiment f'dawn l-oqsma biex it-theddid emerġenti jibqa' taħt kontroll. Il-kollaborazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat hija kruċjali biex tixpruna l-innovazzjoni, b'mod partikolari fl-IA, fid-droni u fis-sistemi taċ-ċibersigurtà.

L-Opinjoni tappella wkoll għal ekosistema ta' industrija tad-difiża Ewropea reżiljenti, li tteġġeġ kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-intrapriżi, il-SMEs u l-gvernijiet. It-trawwim tal-innovazzjoni u l-iżgurar li l-Ewropa tibqa' kompetittiva se jnaqqsu d-dipendenza minn fornituri esterni, u fl-istess waqt jibnu industrija tad-difiża aktar awtosuffiċjenti.

Barra minn hekk, ma' għandniex ninsew l-inizjattivi reġjonali fi ħdan l-UE. It-tisħiħ tal-kollaborazzjonijiet reġjonali se jgħin fit-tfassil tal-istrateġiji tad-difiża biex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi tas-sigurtà li jaffaċċjaw Stati Membri differenti. Dan l-approċċ jiżgura li t-tħassib reġjonali jiġi indirizzat sew fi ħdan il-qafas aktar ġenerali tal-UE.

It-tisħiħ tad-difiża tal-UE ma jikkonċernax biss is-sigurtà — huwa kwistjoni ta' rispetttal-valuri tal-UE. Aħna nemmnu li jekk issewwi l-pjan direzzjonali deskritt fl-Opinjoni tagħna, l-UE tista' tiżgura l-futur tagħha u tissalvagwardja l-paċi u l-interessi ekonomiċi tagħha.



MISTOQSIJA LIL...

Staġsejna lil Javier Garat Pérez, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar Ir-rakkomandazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal Patt Ewropew għall-Oċeani, dwar l-aktar rakkomandazzjonijiet importanti tal-KESE dwar l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi viżjoni komprensiva għall-politiki kollha relatati mal-oċeani. X'azzjoni speċifika għandha tittieħed biex l-oċeani jiġu protetti mid-devastazzjoni u t-tniġġis, u biex tiġi ppreservata l-bijodiversità tagħhom? X'inhuma l-akbar theddidiet għall-benesseri tal-oċeani u x'soluzzjonijiet jipproponi l-Kumitat?



IL-VIŻJONI TAL-KESE DWAR IL-PATT EWROPEW GĦALL-OĊEANI – PJAN TA' AZZJONI GĦALL-KOMPETITTIVITÀ, IR-RE? ILJENZA U L-PROSPERITÀ

Minn Javier Garat Pérez

B'rispons għall-inizjattiva tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-President Ursula von der Leyen, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ressaq rakkomandazzjonijiet ewlenin biex jippromovi approċċ komprensiv u bbilanċjat għall-governanza tal-oċeani. Il-viżjoni tiegħu tiffoka fuq l-iżgurar ta' oċeani b'saħħithom u produttivi, it-tiżiż tal-ekonomija blu tal-UE, it-tiżiż tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-baħar, u s-salvagwardja tal-ekosistemi tal-baħar għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Nilliberaw il-potenzjal tal-ekonomija blu

Il-KESE jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata ekonomija blu robusta u kompetittiva. Dan jinvolti s-semplifikazzjoni tal-oqfsa regolatorji, l-iżgurar tal-awtonomija strateġika, il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-progress lejn id-dekarbonizzazzjoni.

Biex niżguraw futur prosperu għall-industrija marittima, aħna nirrakkomandaw investiment urġenti fl-e-Fjuwils, fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u fit-teknoloġiji tal-baħar innovattivi. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' raggruppament marittimu b'saħħtu b'għanijiet ċari ta' sostenibbiltà se jgħin biex tinżamm il-pożizzjoni fuq quddiem li l-Ewropa għandha fl-industrija tal-baħar. Din hija r-raġuni għaliex huwa indispensabbli li tiġi stabbilita "Alleanza industrijali għall-ktajjen tal-valur tal-ekonomija blu" u li tissaħħaħ l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Marittima.

Barra minn hekk, aħna nirrakkomandaw li l-politiki eżistenti bħall-Politika Komuni tas-Sajd għandhom jiġu evalwati. Is-sajd sostenibbli għandu jirċievi appoġġ kontinwu, waqt li għandha titnaqqas d-dipendenza mill-frott tal-baħar. L-importazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-istess standards soċjali u ambjentali. Barra minn hekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ikel blu sal-2026.

It-tiżiż tal-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-baħar

Il-KESE qed jinsisti għal aktar finanzjament fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-baħar, waqt li jenfasizza l-ħtieġa għal kollaborazzjoni xjentifika u globali permezz ta' xogħol fi grupp, u għal teknoloġija aħjar fis-settur marittimu. Biex dan iseħħ, nissuġġerixxu l-istabbiliment ta' ċentri tal-ekonomija blu u t-tnedija ta' Osservatorju tal-UE għall-Oċeani.

It-tisħiħ tal-investiment u l-finanzjament għas-sostenibbiltà tal-oċeani

Qed nenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi mobilizzat finanzjament pubbliku u privat sinifikanti biex jiġi jappoġġja l-SDG 14 (Il-Ħajja Taħt l-Ilma). Għal dan l-għan, għandhom jinħolqu linji baġitarji ddedikati għal proġetti relatati mal-oċeani fi ħdan programmi ta' finanzjament tal-UE bħall-Orizzont Ewropa. Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għandu jirċievi wkoll appoġġ finanzjarju aktar b'saħħtu biex jappoġġja setturi kompetittivi u dekarbonizzati.

Tranżizzjoni soċjalment inklużiva u ġusta

Ekonomija tal-oċeani reżiljenti trid tiżgura trattament ġust għall-ħaddiema fuq il-baħar. Il-KESE jirrakkomanda miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema, jitħeġġeġ it-tiġdid ġenerazzjonali, u jiġu pprovduti opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet. Għandu jkun hemm fis-seħħ sistemi komprensivi ta' appoġġ soċjali biex jipproteġu lill-ħaddiema, b'mod partikolari dawk li ma jistgħux jibdlu għal rwoli ġodda minħabba bidliet teknoloġiċi.

L-iżgurar ta' oċeani b'saħħithom u reżiljenti

L-oċeani tagħna jinsabu taħt ħafna theddid mit-tibdil fil-klima, it-tniġġis, il-plastik u l-pressjonijiet tal-bniedem. Għalhekk qed nappellaw għal sforzi aktar b'saħħithom ta' restawr u protezzjoni tal-baħar, u konservazzjoni sostenibbli allinjata mal-impenji globali dwar il-bijodiversità. Il-kisba ta' "status ambjentali tajjeb" hija kruċjali wkoll għall-istabbiltà ekonomika u r-reżiljenza għall-klima. Barra minn hekk, għandna ninvestu b'mod urġenti fl-infrastruttura ekoloġika, fit-tnaqqis tat-tniġġis u fi Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima, waqt li nsaħħu t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-baħar.

L-iżgurar ta' qafas komprensiv ta' governanza tal-oċeani

Biex tingħata spinta lill-prosperità ekonomika waqt li jiġu rispettati l-limiti tal-pjaneta tagħna, il-KESE jappella għal kooperazzjoni reġjonali mal-komunitajiet lokali biex il-politiki jinżammu allinjati. Qed iħabrek wkoll għal ftehimiet internazzjonali aħjar, diplomazija tal-UE aktar b'saħħitha dwar l-oċeani, u gruppi ta' ħidma ddedikati li jiffokaw fuq l-affarijiet marittimi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE.

Fl-aħħar nett, il-KESE jirrakkomanda wkoll li jittejjeb l-ippjanar tal-ispazju marittimu biex jiġu bbilanċjati l-interessi differenti, bħal bejn l-espansjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta u s-sajd u l-akkwakultura. L-għan huwa li jiġu promossi l-koeżistenza u s-sostenibbiltà waqt li jiġi żgurat li l-komunitajiet tas-sajd tradizzjonali jiġu ppreżervati kif ukoll involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

A?BARIJET TAL-KESE



Is-so?jetà ?ivili ta?t attakk: G?aliex l-UE je?ti?ilha ta?ixxi minn issa

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinsabu taħt attakk madwar l-Ewropa u l-Amerika. L-UE jeħtiġilha taġixxi minn issa biex tiddefendihom u tissalvagwardja d-demokrazija. Fid-dibattitu plenarju tiegħu fil-Jum Internazzjonali tal-NGOs, il-Kumitat

Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) kellu messaġġ ċar: l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma d-difensuri tad-demokrazija fuq quddiem nett. Bit-tnaqqis ta' fondi li qed jhedded is-sopravivenza tagħhom, l-UE jeħtiġilha tiegħu azzjoni immedjata biex tipproteġihom u tappoġġjahom.

Fis-27 ta' Frar, il-KESE kellu dibattitu dwar *L-UE u s-Soċjetà Ċivili: It-tisħiħ tad-Demokrazija u l-Parteċipazzjoni*, li fih ir-rappreżentanti u l-esperti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs) ingħataw l-opportunità jiddiskutu u jevalwaw ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dan il-qasam kruċjali

Raquel García Hermida-Van Der Walle, MEP minn Renew Europe, indikat li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili spiss jikkontribwixxu għall-kontrolli. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipprovdu wkoll metodi differenti ta' interazzjoni soċjali, li potenzjalment jissostitwixxu s-servizzi tal-gvern li jistgħu jkunu assenti. Minħabba f'hekk, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma l-ewwel li jkunu fil-mira, peress li jistgħu jkunu politikament inkonvenjenti għal ċerti gvernijiet.

Nicholas Aiossa, direttur ta' Transparency International Europe, qal "hemm kampanja politika orkestrata fil-Parlament Ewropew biex tiskredita, tiddefinanzja u tfixx ir-rwol u l-funzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Ma nstabet l-ebda evidenza ta' irregolaritajiet finanzjarji."

F'Jannar, il-Partit Popolari Ewropew (PPE) ċentru-lemin tal-Parlament Ewropew akkuża lill-NGOs ambjentali u klimatiċi li ġew iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea biex jagħmlu lobbying mal-Parlament, ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE u mal-MEPs, u b'hekk qanqlu r-rabja fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Ewropa.

Il-kritika lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mhijiex ġdida, iżda l-attakki reċenti ġew amplifikati bl-aħbarijiet foloz u l-miżinformazzjoni. Kif stqarret **Brikena Xhomaqi**, il-kopresident tal-Grupp ta' Kuntatt tal-KESE, is-sitwazzjoni hija tbeżbiża biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha jingħaqdu flimkien u jagħmlu bidla. "In-nies għandhom ikunu jafu li l-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiddependu mix-xogħol volontarju, għalhekk mgħandniex nherbqu flus il-kontribwenti."

Il-parteċipanti appellaw ukoll lill-Kummissjoni Ewropea biex titkellem b'mod aktar qawwi dwar dan is-suġġett, u pproponew għadd ta' soluzzjonijiet biex jissaħħaħ ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Is-Sinjura García Hermida-Van Der Walle qalet li se tinsisti biex ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġi rikonoxxut u msaħħaħ aktar fir-rapport dwar l-istat tad-dritt u fil-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità bħala kundizzjoni abilitanti.

Michał Wawrykiewicz, MEP mill-PPE, qal li l-missjoni tiegħu kienet li jqajjem kuxjenza dwar dawn is-suġġetti fundamentali fil-grupp tiegħu. Punt ieħor li qajjem kien li dawkl li jieħdu d-deċiżjonijiet jiġu infurmati

li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-NGOs huma organizzazzjonijiet li joperaw fuq il-post, u jipprovdu servizzi kruċjali li jaffettwaw direttament ħajjet in-nies.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpke** laqa' l-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u ddikjara li: “għandha nirreżistu t-tentattivi li jiddelegittimizzaw dawn l-organizzazzjonijiet jew joħonqu l-aċċess tagħhom għar-riżorsi essenzjali għall-parteċipazzjoni demokratika. Mir-restrizzjonijiet finanzjarji sal-pressjonijiet politiċi dejjem jiżdiedu, huwa ovvju li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom bżonn appoġġ aktar b'saħħtu u aktar prevedibbli biex ikomplu l-ħidma essenzjali tagħhom.” (at)



L-isfidi huma kbar immens i?da daqstant hija l-qawwa tas-soċjetà ċivili

Aktar minn 800 parteċipant minn organizzazzjonijiet taċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati madwar l-Ewropa, inklużi organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, NGOs u ġurnalisti, ingħaqdu mal-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, organizzata mill-Kumitat

Ekonomiku u Soċjali Ewropew mis-17 sal-20 ta' Marzu 2025. Is-sessjoni tal-ftuħ enfasizzat il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku permezz ta' azzjoni legali, waqt li affermat mill-ġdid ir-rwol ewlieni tas-soċjetajiet ċivili: obbligu ta' rendikont għall-karigi ta' poter, ħolqien ta' rabtiet, appoġġ għar-reżiljenza soċjali, u vuċi lil dawk li spiss jiġu injorati.

It-tema tal-edizzjoni tal-2025 tal-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili kienet [It-tiŝiħ tal-koeżjoni u l-parteċipazzjoni f'soċjetajiet polarizzati](#). Bit-tliet inizjattivi ewlenin tiegħu, jiġifieri l-[panels tal-Gruppi ta' Kuntatt tal-KESE](#), l-[inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej](#) u l-[Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili](#), l-avveniment kellu l-għan li:

- jindirizza l-polarizzazzjoni dejjem tikber li t-tal-xprunata f'dawn l-a?ar snin mill-impatt tal-kri?i finanzjarja, it-tibdil fil-klima u t-t-pieda fl-inugwaljanza fl-introjt;
- jenfasizza r-rwol ewlieni li s-soċjetà ċivili jista' jkollha f'dan il-kuntest;
- jin?abru s-soluzzjonijiet u t-talbiet tas-soċjetà ċivili lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE sabiex jg?inu fid-depolarizzazzjoni tal-Ewropa permezz tat-tis?i? tal-koe?joni tas-soċjetà u l-parte?ipazzjoni demokratika f'oqsma ewlenin g?as-soċjetà.

Fid-diskors tal-ftuħ tiegħu, il-President tal-KESE **Oliver Röpke** saħaq li: “Is-soċjetà ċivili għandha tilqa' l-isfida. Il-parteċipazzjoni, id-djalogu u s-solidarjetà mhumieq biss ideal – huma l-pedament ta' Ewropa reżiljenti u magħquda. Hekk kif ninsabu miġbura għall-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili, ejjew nafferma mill-ġdid l-impenn tagħna għall-inklużjoni u ċ-ċittadinanza attiva. Demokrazija b'saħħitha tiddependi mhux biss mill-istituzzjonijiet, iżda anke mill-involviment tal-poplu kollu tagħha.”

Fid-diskors ewlieni tagħha **Albena Azmanova**, Professur tax-Xjenza Politika u Soċjali f'City Saint George's, fl-Università ta' Londra, tkellmet dwar l-insigurtà ekonomika li qed tikber u li qed jaffaċċjaw il-maġġoranza tan-nies – u li ddeskrivietha bħala “epidemija tal-prekarjetà”. Hija spjegat għaliex is-soċjetà ċivili għandha ċ-ċavetta biex isir avvanz fi żminijiet ta' insigurtà massiva.

“Għall-biċċa l-kbira tan-nies, l-insigurtà ekonomika massiva xejnet ir-rieda tagħhom li jiġġieldu. Is-soċjetà ċivili għandha r-rieda li tiġġieled. L-attivisti tas-soċjetà ċivili huma xprunati minn sens ta’ skop ikkaratterizzat minn ilmentar speċifiku. Huma l-operaturi viżibbli li jħaddmu d-demokrazija,” qalet.

Kif qal **Younous Omarjee**, Viċi President tal-Parlament Ewropew, “Aħna neħtieġu soċjetà ċivili li twaħħad liċ-ċittadini, f’dan il-kuntest ta’ individwaliżmu dejjem jikber, u bħala difiża kontra l-ideat tal-lemin estrem li qed jinfirxu.”

Adriana Porowska, Ministru għas-Soċjetà Ċivili, mill-Presidenza Pollakka tal-UE semmiet ir-rwol kruċjali tal-NGOs fir-reżiljenza soċjali u l-appoġġ tagħhom għal gruppi vulnerabbli u maqtugħin, u tkellmet ukoll dwar l-esperjenza Pollakka mas-soċjetà ċivili li tiżgura r-reżiljenza nazzjonali.

Brikena Xhomaqi, kopresident tal-Grupp ta’ Kuntatt tal-KESE man-networks Ewropej tas-soċjetà ċivili, enfasizzat li l-unità fid-diversità, il-mantra tant għal qalb l-UE, titrawwem fil-livell lokali. Madankollu, is-Sinjura Xhomaqi semmiet li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-NGOs jinsabu taħt attakk, bil-finanzjament u r-rwol tagħhom li qed jiġu kkontestati. “Mingħajr riżorsi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma jistgħux jiffunzjonaw. Hemm bżonn li l-istituzzjonijiet jipproteġu s-soċjetà ċivili; neħtieġu protezzjoni legali għall-ispazju ċiviku biex inżommu s-soċjetà tagħna flimkien u magħquda fid-diversità.”



[L-Assoċjazzjoni Slovakka tad-Dibattiti tirba? il-15-il premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili għall-lieda kontra l-polarizzazzjoni dannuża](#)

Il-Premju ewlieni tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili jenfasizza l-kontribut eċċellenti tas-soċjetà ċivili għaż-żamma u t-tisħiħ tal-identità u ċ-ċittadinanza Ewropea. Kull sena, il-premju jkun dedikat għal tema differenti u ta’ importanza urġenti għas-soċjetà b’rabta mal-ħidma tal-KESE.

Fl-20 ta’ Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ippremja tliet organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mis-Slovakkja, il-Belġju u Franza, għall-proġetti rivoluzzjonarji tagħhom li jindirizzaw il-livelli dejjem jiżdiedu ta’ polarizzazzjoni dannuża fl-Unjoni Ewropea kollha.

Il-premju ta’ EUR 32 000 inqasam bejn it-tliet rebbieħa.

Il-KESE ta **l-ogħla premju** ta’ EUR 14 000 lill-Assoċjazzjoni Slovakka tad-Dibattiti għal [The Critical Thinking Olympiad](#), inizjattiva pijuniera li tibni r-reżiljenza għall-miżinformazzjoni fost iż-żgħażaġħ Slovakki. Il-proġett jorganizza kompetizzjoni għal studenti fi tliet gruppi ta’ etajiet, li fiha l-istudenti jesperjenzaw sfidi tal-media fid-dinja reali u jivvalutaw il-kontenut għall-affidabbiltà tiegħu.

Iż-żewġ assoċjazzjonijiet l-oħra rċevew EUR 9 000 kull waħda.

L-assoċjazzjoni [Reporters d’Espoirs](#) ta’ Franza ġiet it-tieni bil-*Prix Européen Jeunes Reporters d’Espoirs* tagħha, skema ta’ taħriġ bil-lingwa Franċiża għall-ġurnaliżmu ta’ soluzzjonijiet.

It-tielet premju ngħata lill-**FEC Diversité asbl** tal-Belġju għall-proġett “ESCAPE GAME EXTREME DROITE pour se désintoxiquer”, logħba immersiva li tiġġieled l-ideoloġiji tal-lemin estrem.

Dwar il-15-il Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili

Il-15-il Premju tal-KESE għas-Soċjetà Ċivili tefa’ dawl fuq proġetti mingħajr skop ta’ qligħ immexxija minn individwi, kumpaniji privati u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għenu fil-ġlieda kontra l-polarizzazzjoni dannuża fl-Unjoni Ewropea kollha.

F’dawn l-aħħar snin, l-Ewropa ntlagt minn diversi kriżijiet, mill-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-ġholi tal-ħajja, u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali kontinwi ta’ wara l-pandemija tal-COVID-19. Kriżijiet bħal dawn jistgħu jnaqqsu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, u jnisslu polarizzazzjoni dannuża fis-soċjetà kollha.

Waqt li l-polarizzazzjoni tista’ tkun parti minn soċjetà miftuħa u pluralistika, il-populiżmu li qed jiżdied u l-polarizzazzjoni negattiva jirrappreżentaw sfidi sinifikanti għad-demokrazija Ewropej. L-Ewropa qed tiffaċċja wkoll frammentazzjoni kontinwa tax-xenarju tal-media tradizzjonali, miżinformazzjoni li qed tiżdied u attakki fuq il-libertà tal-media, li koll joħolqu aktar theddid għall-valuri demokratiċi.

Ir-rebbieħa ta’ din is-sena ntgħażlu minn firxa ġmielha u varjata ta’ aktar minn 50 entrata minn 15-il Stat Membru. Il-proġetti rebbieħa ntgħażlu għall-kreattività l-entużjażmu u d-dedikazzjoni straordinarja tagħhom fil-ġlieda kontra l-polarizzazzjoni dannuża fis-soċjetà Ewropea.

“Is-soċjetà ċivili organizzata taqdi rwol fundamentali fis-salvagwardja tad-demokrazija Ewropea, kif ġie ppruvat għal darb’ oħra mill-proġetti notevoli u vasti ta’ din is-sena” qal il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni **Aurel Laurențiu Plosceanu**.



Tliet snin mill-bidu tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna: Niddefinixxu l-futur ?eopolitiku tal-UE

“Aħna u nfakkru t-tielet anniversarju tal-gwerra ta’ aggressjoni brutali u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna - attakk mhux biss fuq nazzjon sovrani iżda fuq il-valuri fundamentali tad-demokrazija, id-dinjità tal-bniedem u l-ordni internazzjonali

bbażata fuq ir-regoli - nesprimu solidarjetà mal-poplu Ukren”, qal il-President tal-KESE Oliver Röpke f’dikjarazzjoni maħruġa fis-sessjoni plenarja tal-KESE fi Frar.

Sa mill-ewwel jum ta’ din l-invażjoni, appoġġajna lill-Ukrajna – mhux biss simbolikament, iżda b’azzjoni konkreta. Illum, nafferimaw mill-ġdid l-impenn sod tagħna li nappoġġjaw is-sovrani, id-demokrazija u l-futur Ewropew tal-Ukrajna. Nappellaw lill-UE biex issostni u ssaħħaħ l-appoġġ politiku, ekonomiku, umanitarju u militari tagħha.

Il-poplu Ukren wera kuraġġ u reżiljenza straordinarji fid-difiża ta’ pajjiżu u l-prinċipji li jorbtuna flimkien bħala Ewropej. Sa mill-ewwel jum ta’ din l-invażjoni, il-KESE, il-membri tiegħu u s-soċjetà ċivili Ewropea li

jirrappreżenta appoġġjaw lill-Ukrajna – mhux biss simbolikament iżda b’azzjoni konkreta.

Fi żmien ta’ inċertezza ġeopolitika li qed tikber, id-dikjarazzjonijiet reċenti mir-rappreżentanti tal-Istati Uniti li jiddubitaw l-impenn kollettiv ta’ difiża tan-NATO huma allarmanti ħafna. L-Ewropa ma tistax tkun kompjaċenti.

L-Ukrajna qed tiġġieled mhux biss għas-sopravivenza tagħha iżda għas-sigurtà tal-kontinent Ewropew kollu.

Il-KESE jħeġġeġ lill-mexxejja tal-UE jaħtfu dan il-mument biex isaħħu l-kapaċitajiet Ewropej ta’ sigurtà u difiża, jiddefinixxu mill-ġdid l-awtonomija strateġika, jiddefendu l-multilateraliżmu u japprofondixxu l-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, u fl-istess ħin isawru sħubijiet globali aktar b’saħħithom ma’ alleati demokratiċi lil hinn mill-Ewropa.

L-Ewropa trid taġixxi issa.

M’hemmx lok għal indeċiżjoni. L-awtokrati u l-aggressuri jiffjorixxu sforz l-eżitazzjoni tal-oħrajn.

Id-demokraziji jridu jkunu magħquda u sodi.

Il-KESE jistieden lill-UE ssaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha, tiddefendi kemm id-demokrazija kif ukoll id-drittijiet fundamentali, u tappoġġja b’determinazzjoni lill-Ukrajna. Issa wasal iż-żmien biex l-UE tieħu azzjoni ġeopolitika strateġika.

Tista’ taqra l-istqarrija għall-istampa [hawnhekk](#). (at)



Prijorità tal-Previdenza Pollakka tal-UE: it-tis?i? tas-sigurtà Ewropea u ?-?amma ta’ Ewropa magħquda

Il-kompitu ewlieni tal-Previdenza Pollakka attwali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea se jkun li l-Ewropa tinżamm magħquda, jintlaħaq progress u jittieħdu deċiżjonijiet rapidi

Fis-sessjoni plenarja ta’ Frar, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kellu dibattitu dwar il-prijoritajiet tal-Previdenza Pollakka tal-UE ma’ **Magdalena Sobkowiak-Czarnecka**, Sottosegretarju tal-Istat tal-Polonja għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea.

B’referenza għas-sigurtà esterna tal-UE u, b’mod partikolari, għall-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna, is-Sinjura Sobkowiak-Czarnecka qalet li: “l-oġettiv tagħna huwa li nżommu l-Ukrajna għaddejja u nżommu l-għaqda ġewwa l-Ewropa.” Hija semmiet is-16-il pakkett ta’ sanzjonijiet kontra r-Russja bħala waħda mill-ewwel kisbiet tal-Previdenza Pollakka.

Il-President tal-KESE, **Oliver Röpkke**, enfasizza li l-Polonja kienet qed tieħu f’idejha l-Previdenza b’rotazzjoni tal-UE fi żmien mifni minn sfidi diffiċli bħat-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-kriżijiet tal-enerġija.

Huwa żied jgħid li “d-dibattitu tal-lum afferma mill-ġdid l-importanza kritika tal-istabbiltà, ir-reżiljenza u l-għaqda biex insawru l-futur tal-Unjoni Ewropea. Il-prijoritajiet tal-Presidenza Pollakka jallinjaw mill-qrib mal-ambizzjonijiet kollettivi tagħna, b’mod partikolari fit-trawwim ta’ approċċ multidimensjonali għas-sigurtà. Fi żmien ta’ inċertezza globali, l-impenn tagħna għal azzjoni deċiżiva u kooperattiva jibqa’ sod.”

Bis-slogan “Sigurtà, Ewropa!”, il-Presidenza Pollakka tal-UE se taħdem fuq seba’ dimensjonijiet tas-sigurtà – affarijiet esterni, affarijiet interni, ekonomija, ikel, enerġija, saħħa u informazzjoni.

F’dawn l-aħħar xhur, [il-kooperazzjoni bejn il-Kumitat u l-Presidenza Pollakka](#) kienet b’saħħitha u produttiva. Il-KESE fassal 15-il [Opinjoni esploratorja](#), li diġà ġew adottati jew se jiġu adottati dalwaqt. (mp)



Copyright: NATO

[L-investiment kura??u? u l-kollaborazzjoni tan-NATO huma kruċjali biex tissa??a? id-difi?a Ewropea](#)

Iffaċċjata b’theddid għas-sigurtà li qed jiżdied, l-Ewropa teħtieġ b’mod urġenti strateġija unifikata ta’ finanzjament għad-difiża. Bi tweġiba għal talba mill-Presidenza Pollakka tal-UE li jmiss, il-

KESE adotta Opinjoni li tappella għal azzjoni kuraġġuża: aktar investiment f’sistemi moderni, kooperazzjoni approfondita man-NATO, u finanzjament akbar fi ħdan il-qafas finanzjarju tal-UE.

Ir-riskji għas-sigurtà tal-Ewropa qed jiżdiedu, u dan jesponi d-dipendenza tagħha fuq fornituri esterni tad-difiża – 78 % tal-EUR 75 biljun minfuqa mill-pajjiżi tal-UE fuq l-akkwist tad-difiża fuq perjodu ta’ sena marru għand fornituri mhux tal-UE. It-tiżiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) huwa kruċjali biex titnaqqas din id-dipendenza.

“Il-mekkaniżmi ta’ finanzjament tad-difiża tal-UE jridu jiġu riveduti biex jiġu indirizzati l-isfidi kontemporanji,” jispjega r-relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar [Il-Finanzjament għad-Difiża fl-UE](#), **Marcin Nowacki**. “Ir-regoli baġitarji eżistenti jillimitaw l-infiq militari, u waqt li inizjattivi bħall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) jirrappreżentaw il-progress, dawn għadhom insuffiċjenti biex jindirizzaw l-iskala tat-theddid attwali.”

Il-kooperazzjoni tan-NATO hija essenzjali għall-interoperabbiltà u għal strateġija unifikata. L-akkwist konġunt, is-sħubijiet taċ-ċibersigurtà u tas-sigurtà spazjali, u l-proġett satellitari IRIS2 ser isaħħu r-reżiljenza. Il-finanzjament għad-difiża jrid ikun allinjat mal-prijoritajiet usa’ tal-UE mingħajr ma jikkomprometti l-għanijiet soċjali u ambjentali. L-investiment strateġiku, l-innovazzjoni u l-ippjanar fit-tul huma kruċjali biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-awtonomija tal-Ewropa. (tk)



Mill-kliem g'all-fatti: Il-KESE jistabbilixxi priyoritajiet g'all-?lieda kontra l-inugwaljanza bejn il-?eneri u l-vjolenza fuq in-nisa

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) organizza Forum ta' Livell Għoli dwar id-Drittijiet tan-Nisa, li laqqa' flimkien il-ħna ewlenin biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti dwar id-drittijiet

tan-nisa u jiddeskrivi l-priyoritajiet ewlenin qabel is-sessjoni li jmiss tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tan-Nisa.

Il-messaġġ tal-Forum ta' Livell Għoli tal-KESE dwar id-Drittijiet tan-Nisa kien ċar: progress sar, iżda dan mhuwiex biżżejjed. Minkejja li l-UE ħadet passi biex tipproteġi lin-nisa u l-bniet, il-forom strutturali ta' inugwaljanza, l-istereotipi tal-ġeneri u r-riġressi kontra d-drittijiet tan-nisa għadhom jheddu l-kisbiet li nkisbu b'diffikultà fl-Ewropa. Sakemm jippersistu l-ostakli strutturali, il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fis-soċjetà se tkun limitata.

Il-Forum ta' livell għoli, li sar fis-26 ta' Frar matul is-sessjoni plenarja tal-KESE, laqqa' flimkien il-President tal-Grupp Ad hoc tal-KESE dwar l-Ugwaljanza, **Sif Holst**, il-President tal-KESE **Oliver Röpke**, u l-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza kif ukoll għall-Preparatezza u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, **Hadja Lahbib**, kif ukoll **Carlien Scheele** (Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri), **Florence Raes** (Direttur tal-uffiċċju fi Brussell għan-Nisa tan-NU), **Ayşe Yürekli** (Rappreżentant tal-UE f'KAGIDER – Imprendituri Nisa tat-Turkija), **Mary Collins** (Segretarju Ġenerali tal-Lobby Ewropew tan-Nisa) u **Cianán Russell** (Uffiċjal Għoli tal-Politika f'ILGA Europe).

Il-Forum kien fih żewġ panels dinamiċi li jindirizzaw sfidi urġenti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kull wieħed marbut ma' Opinjonijiet ewlenin tal-KESE adottati matul is-sessjoni. L-esperti, l-avukati u dawk li jfasslu l-politika ngħaqdu flimkien biex jaqsmu l-għarfien, jipproponu soluzzjonijiet u jsaħħu l-impenji biex javvanzaw id-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa u lil hinn minnha.

L-ewwel panel iffoka fuq id-69 sessjoni li jmiss tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (UNCSW69) waqt li t-tieni panel iffoka fuq il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet bħala kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Ġew adottati wkoll fil-plenarja wara l-forum żewġ Opinjonijiet relatati: [Il-kontribut tal-KESE għall-priyoritajiet tal-UE fid-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa](#) u [Il-vjolenza kontra n-nisa bħala kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem: is-sitwazzjoni attwali tal-miżuri fl-UE kollha](#). (Im)



Il-KESE u l-ECOSOCC tal-UA jafferaw mill-?did l-impenn g'all-ugwaljanza bejn il-?eneri fis-CSW69 tan-NU

Fl-okkażjoni tad-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW69) fi New York, il-Kumitat

Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Kulturali tal-Unjoni Afrikana (ECOSOCC tal-UA) affermaw mill-ġdid l-impenn sod tagħhom biex jadvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa.

Hekk kif il-komunità internazzjonali qed tfakkar it-30 sena mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma għal Azzjoni, il-KESE u l-ECOSOCC tal-UA jirrikonoxxu kemm il-progress miksub kif ukoll l-isfidi attwali li għadhom ixejjlu l-ugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri.

It-tieni [dikjarazzjoni konġunta](#) tagħhom tenfasizza l-prijoritajiet ewlenin, inkluża ż-żieda fit-tmexxija min-nisa permezz tal-kwoti tal-ġeneru, it-tmiem tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru permezz ta' konvenzjonijiet internazzjonali, it-tnaqqis tad-distakk diġitali bejn il-ġeneri, u l-promozzjoni tal-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa.

Id-dikjarazzjoni tneġġeg politiki aktar b'saħħithom dwar ix-xogħol ta' kura mhux imħallas, l-inklużjoni tan-nisa fl-isforzi għall-paċi, u t-tfassil tal-politika mmexxi mid-data. Jenfasizza wkoll il-kooperazzjoni globali biex jitneħħew l-inugwaljanzi sistemiċi u jiġu rispettati d-drittijiet tan-nisa. Il-KESE jistieden ukoll lill-UE tiġġieled il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u tiddefendi r-rwol tas-soċjetà ċivili fl-avanz tal-ugwaljanza.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpké** qal: "Hekk kif qed infakkru t-30 sena mid-Dikjarazzjoni ta' Beijing, jeħtiġilna ngħaddu mill-kliem għall-fatti". L-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex privileġġ iżda dritt fundamentali, u l-kisba tagħha hija kritika għal soċjetajiet sostenibbli u inklużivi. Il-KESE jibqa' sod fl-impenn tiegħu li jxejjen l-ostakli, jiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jrawwem l-emanċipazzjoni ekonomika. Wasal iż-żmien li l-gvernijiet, l-istituzzjonijiet u s-soċjetà ċivili jaġixxu b'mod deċiżiv – l-ugwaljanza ma tinkisibx mingħajr responsabbiltà."

Il-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa hija l-korp internazzjonali u intergovernattiv ewlieni li jiġġieled għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Din kienet it-tieni darba li l-KESE ħa sehem fl-akbar laqgħa annwali tan-NU dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa. (tk)



[Tin?tie? azzjoni ur?enti g?al strate?ija industrijali tal-UE](#)

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) qed iħeġġeġ lill-UE timplimenta strateġija industrijali robusta li ssaħħaħ il-kompetittività, toħloq impjiegi ta' kwalità u tallinja mal-Patt

Ekoloġiku. Biex tirnexxi, din l-istrateġija trid tiġi mmonitorjata mill-qrib u adattata għall-isfidi emerġenti.

"L-Ewropa qed taffaċċja riskju serju ta' deindustrijalizzazzjoni. L-industrija u l-azzjoni klimatika jridu jimxu id f'id," qal **Andrea Mone**, relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar [Il-futur tal-industrija tal-UE quddiem il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-ispejjeż tat-tranżizzjoni](#), adottata fis-sessjoni plenarja ta' Frar.

Fl-Opinjoni, il-KESE enfasizza l-ħtieġa għal qafas ekonomiku u regolatorju b'saħħtu biex jiġu indirizzati l-kostijiet għoljin tal-enerġija u tal-materja prima, l-isfidi tal-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika, id-diskrepanzi fl-infrastruttura, in-nuqqas ta' ħiliet u d-domanda interna dgħajfa. Politika tal-kompetizzjoni ffukata fuq l-investment u l-innovazzjoni hija kruċjali biex trawwem il-koeżjoni soċjali u territorjali.

L-appell l-KESE għal azzjoni urġenti qed isir fi żmien ta' tħassib dejjem jikber rigward is-sigurtà ekonomika tal-Ewropa u d-dipendenzi esterni tagħha. F'era ta' tali inċertezzi ġeopolitiċi u kummerċjali dejjem akbar, hija meħtieġa politika kummerċjali tal-UE reżiljenti biex tissalvagwardja s-sostenibbiltà industrijali f'ċirkostanzi ta' għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni asimmetriċi, kapaċità żejda globali, u tensjonijiet kummerċjali li qed jiżdiedu. Biex jintlaħaq dan l-għan hija essenzjali awtonomija akbar fl-iżgurar ta' materja prima kritika.

Iż-żieda fl-investment, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, u r-riformi tal-governanza huma kruċjali. Suq uniku unifikat, b'mod partikolari fl-enerġija, se jsaħħaħ l-ekonomija tal-UE. It-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji, l-irfinar tal-oqfsa tas-suq tal-elettriku u t-titjib tal-għodod finanzjarji bħall-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija se jwieżnu t-tranżizzjonijiet tal-industrija.

Tranżizzjoni ġusta titlob djalogu soċjali b'saħħtu u negozjar kollettiv. Il-politika industrijali trid tallinja mal-istrateġiji tal-edukazzjoni u tal-forza tax-xogħol, b'enfasi fuq ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-bini tal-ħiliet. L-investment fl-infrastruttura tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-inizjattivi tal-ekonomija ċirkolari se jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi.

Il-KESE adotta wkoll Opinjoni supplimentari dwar [Il-futur tal-industriji tal-UE li jużaw ħafna riżorsi u enerġija](#), li ttipprova soluzzjonijiet imfassla apposta biex jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom. L-indirizzar tal-isfidi speċifiċi li jaffaċċjaw huwa kruċjali għall-futur industrijali tal-UE. (II)



Biex tibqa' kompetittiva, l-UE te?tie? regoli aktar ?usti u aktar sempli?i

L-espansjoni transfruntiera fi ħdan l-UE tinvolvi n-navigazzjoni ta' labirint ta' regoli u burokrazija tal-VAT konfliġġenti li jżidu l-ispejjeż. L-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) iħabbtu wiċċhom ma' piżijiet ta' konformità sproporzjonati, li jagħmluha

aktar diffiċli biex jespandu u jikkompetu. Il-KESE jappella għal riformi urġenti f'żewġ Opinjonijiet adottati matul il-plenarja tiegħu ta' Frar, li jibnu fuq ir-rapporti ta' Letta u Draghi. Il-proposti jinkludu l-armonizzazzjoni tar-regolamenti finanzjarji, ir-rappurtar ibbażat fuq l-IA u politika industrijali kkoordinata.

"Is-suq uniku huwa s-sinsla tal-prosperità ekonomika Ewropea, iżda għadu mhux komplut f'oqsma ewlenin bħall-finanzi, l-enerġija u s-servizzi diġitali," qal il-President tal-KESE **Oliver Röpke**. "Fid-dibattitu tal-lum, saret enfasi fuq il-ħtieġa urġenti għal riformi biex jitneħħew l-ostakli u jissaħħaħ is-settur tas-servizzi, waqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fl-UE kollha".

Maria Luís Albuquerque, Kummissarju għas-Servizzi Finanzjarji u għall-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, appoġġjat din is-sejħa: “Il-viżjoni tiegħi għall-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti hija li noħolqu l-ġid għaċ-ċittadini u t-tkabbir għall-kumpaniji tagħna billi niġbruhom flimkien f’ambjent sikur, kompetittiv, regolat u ssorveljat tajjeb.”

L-Opinjonijiet tal-KESE identifikaw żewġ sfidi kritiċi għall-kompetittività: [il-frammentazzjoni fis-suq uniku, enfasizzata fir-rapporti Letta u Draghi](#) u [l-burokrazija eċċessiva li b’mod partikolari hija piż fuq l-SMEs](#). Dawn iż-żewġ fatturi joħonqu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku.

X’inhil-problema?

In-negozji fl-Ewropa huma mxejjla mill-komplessità u d-duplikazzjoni ta’ regolamenti. Dan iwassal għal hekk ta’ ħin u flus, inaqas ir-ritmu tal-Patt Ekoloġiku u jirrestrinġi l-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji ta’ daqs medju. Dan jirriżulta f’negozji frustrati, spejjeż ogħla għall-konsumatur u tkabbir ekonomiku aktar dgħajf.

Lil hinn mill-piżijiet regolatorji, l-Ewropa qed tħabbat wiċċha ma’ sfidi strutturali aktar profondi li jheddu l-kompetittività tagħha. Il-progress kajman fit-tlestija tas-suq uniku, id-disparitajiet fl-infrastruttura diġitali u tal-enerġija, u n-nuqqas ta’ politika industrijali koordinata qed jillimitaw il-kapaċità tal-UE li tikkompeti fuq livell dinji. Waqt li blokko ekonomiċi oħra qed jaġixxu malajr biex jattiraw l-investiment u jrawmu l-innovazzjoni, l-Ewropa qed tirkisja li taqa’ lura.

X’jista’ jsir?

It-tisħiħ tal-kompetittività jirrikjedi approċċ komprensiv, li jinkludi t-tneħħija tal-ostakli f’setturi ewlenin bħall-finanzi u l-enerġija, l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali u l-iżgurar li l-SMEs ikunu jistgħu jespandu u jikkompetu b’kundizzjonijiet ekwi.

L-Opinjonijiet tal-KESE jipproponu:

- Is-semplifikazzjoni tar-regolamenti ming’ajr ma jitbaxxew l-istandards ambjentali u soġjali.
- Il-?olqien ta’ pjattaforma unika bba?ata fuq l-IA biex tissemplifika r-rapportar g’all-SMEs u g’all-kumpaniji ta’ daqs medju, u b’hekk t’affek il-konformità.
- L-armonizzazzjoni tar-regoli fis-setturi kollha biex jitnaqqas ix-xog?ol amministrattiv ripetittiv.
- L-istandardizzazzjoni tar-regolamenti finanzjarji fl-Istati Membri kollha b’politika industrijali koordinata tal-UE.
- Ir-riforma tal-Mekkani?mu ta’ A??ustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) g’al sistema aktar ?usta u inqas ta’ pi?. (gb)



[Il-Patt g’al Industrija Nadifa huwa adattat g’all-iskop tieġ’u?](#)

Fis-6 ta’ Marzu, il-KESE ospita dibattitu dwar il-Patt għal Industrija Nadifa tal-Kummissjoni Ewropea, jiem biss qabel id-

diskussjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu. Dawk li jfasslu l-politika, il-mexxejja tal-industrija u s-soċjetà ċivili eżaminaw jekk il-pjan jistax verament jappoġġja s-settur tat-teknoloġija nadifa, l-industriji intensivi fl-enerġija u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa.

Bl-instabbiltà ġeopolitika u l-bidla fir-relazzjonijiet transatlantiċi, il-ħtieġa tal-Ewropa għal awtonomija strateġika hija aktar urġenti minn qatt qabel. Il-Patt għal Industrija Nadifa għandu l-għan li jaċċellera d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità, waqt li jagħti spinta lill-kompetittività industrijali, billi jibda mit-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija. Għad fadal mistoqsijiet dwar il-fattibbiltà u l-finanzjament tiegħu.

“Il-kwistjoni mhijiex li wieħed jagħżel bejn l-awtonomija strateġika, il-kompetittività jew it-tranżizzjoni doppja. Is-setturi industrijali kollha huma kkonċernati u jeħtiġilhom jadattaw, bil-pass tagħhom iżda b'impenji ċari,” qal **Pietro de Lotto**, il-President tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) tal-KESE, waqt li ddeskriva l-isfida bħala att ta' bilanċjar.

Il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa ġeopolitika li nsiru indipendenti mill-enerġija mir-Russja, iżda t-tnaqqis industrijali tal-Ewropa huwa tħassib dejjem akbar. Il-produzzjoni industrijali u l-influssi ta' investiment dirett barrani t-tnejn naqsu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar sentejn.

Il-finanzjament se jkun sfida ewlenija. Il-kisba tal-oġġettivi tal-pjan tirrikjedi kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-industrija. Waqt li l-Bank Ewropew tal-Investiment wiegħed EUR 500 miljun f'kontrogaranzji u EUR 1,5 biljun biex itejbu l-grilji tal-enerġija, il-gvernijiet nazzjonali jeħtiġilhom jimmobilizzaw riżorsi addizzjonali.

L-impatt soċjali tat-tranżizzjoni huwa wkoll kwistjoni ewlenija, b'mod partikolari fl-industriji intensivi fl-enerġija li ġarrbu telf sinifikanti ta' impjegi. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili staqsew jekk it-tnaqqis tat-taxxi fuq l-enerġija, proposta ewlenija tal-Patt, jistax isir askapitu tal-finanzjament tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa.

Minkejja l-ottimiżmu dwar l-għanijiet fit-tul tal-Patt għal Industrija Nadifa, l-esperti wrew tħassib dwar il-kapaċità tiegħu li jindirizza l-isfidi fuq terminu qasir. Il-ħeffa u s-semplifikazzjoni huma kruċjali, peress li l-kostijiet għoljin tal-enerġija u l-ostakli regolatorji jistgħu jnaqqsu r-ritmu tal-progress. Il-politiki nazzjonali frammentati għadhom sfida, u l-Patt għal Industrija Nadifa qed fil-periklu li jitlef opportunità kruċjali biex il-politika industrijali tiġi allinjata fl-Ewropa kollha.

In-newtralità teknoloġika hija preokkupazzjoni wkoll, b'dibattitu dwar il-bilanċ it-tajjeb tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, tal-idroġenu u tal-bijofjuwils. Waqt li l-enfasi fuq l-enerġija rinnovabbli tintlaqa' tajjeb, huma meħtieġa impenji b'saħħithom għall-effiċjenza enerġetika. Bl-enerġija rinnovabbli l-konsumaturi Ewropej diġà ffrankaw EUR 100 biljun bejn l-2021 u l-2023, suċċess li l-UE għandha tibni fuqu. (jh)



[Il-bdiewa tal-UE je?tie?u appo?? ur?enti biex jissopravivu fi swieq volatili](#)

Il-bdiewa Ewropej jiffaċċjaw kriżijiet dejjem akbar, minn temp estrem sa instabbiltà tas-suq u kompetizzjoni inġusta. Il-Kumitat

Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iwissi li l-politiki attwali tal-UE jonqsu milli jipproteġu lill-bdiewa u jappella għal riformi urġenti biex jiġi żgurat id-dħul, tissaħħaħ is-setgħa tan-negozjar u tiġi żgurata agrikoltura sostenibbli.

F'[Opinjoni](#) mitluba mill-Presidenza Pollakka tal-UE, il-KESE appella għal sistema agrikola aktar reżiljenti, li tqiegħed lill-bdiewa fil-qalba tagħha.

“Il-biedja hija professjoni nobbli b’żewġ objettivi ewlenin: il-produzzjoni ta’ ikel sikur tal-ogħla kwalità għall-konsum mill-bniedem u ż-żamma u t-titjib tal-ambjent. Kulma nitolbu għal dan huwa paga onesta għal jum ta’ xogħol ġenwin u rispett u prezz ġust għall-ikel li nipprovdu,” qal **Joe Healy**, wieħed mit-tliet relaturi tal-Opinjoni.

Skont il-KESE, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) mhijiex mgħammra biżżejjed biex tindirizza l-isfidi tal-lum. L-għodod finanzjarji li tirrakkomanda biex jiġu appoġġjati l-bdiewa jinkludu assigurazzjoni pubblika kontra d-diżastri naturali, għajnuna kontroċiklika u pagamenti diretti. Il-fondi mutwi, li diġà jintużaw f’ċerti pajjiżi tal-UE, jistgħu jipprovdu xibka ta’ sikurezza addizzjonali, iffinanzjata b’mod kollettiv mill-bdiewa, l-industrija, il-gvernijiet reġjonali u l-UE.

Peress li hija ppjanata reviżjoni tal-PAK wara l-2027, il-KESE rrakkomanda li l-baġit tagħha jerġa’ lura għal mill-inqas 0,5 % tal-PDG tal-UE. Huma meħtieġa regolamenti kummerċjali aktar stretti biex jiġi żgurat li l-prodotti importati jissodisfaw l-istandards ambjentali u tax-xogħol tal-UE.

Tħassib ewlieni ieħor huwa l-bejgħ bi prezzijiet orħos mill-kost, Prattika li tpoġġi lill-bdiewa taħt pressjoni finanzjarja estrema. Il-KESE qed ihegħeġ lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE biex, abbażi tal-liġijiet dwar il-katina alimentari ta’ Spanja bħala mudell, jikkunsidraw bis-serjetà l-projbizzjoni ta’ xiri bi prezzijiet orħos mill-kost biex jiġi evitat li bejjiegħa bl-imnut kbar jimbuttaw lill-bdiewa barra mis-suq.

Sabiex jittejjbu t-trasparenza u s-saħħa fis-suq tal-bdiewa, il-KESE ppropona ċentru diġitali tal-UE għall-monitoraġġ tal-prezzijiet, l-ispejjeż u l-profitti. Huwa rrakkomanda wkoll negozjati kollettivi dwar il-prezzijiet u aktar appoġġ għall-kooperattivi u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Hemm bżonn ta’ aktar indipendenza ekonomika u kompetittività fis-settur tal-agrikoltura tal-UE.

Għalkemm l-għanijiet klimatiċi huma essenzjali, il-bdiewa ma jistgħux iġarrbu l-kostijiet waħedhom. Fond għas-sostenibbiltà jista’ jgħinhom fit-tranżizzjoni lejn Prattiki aktar ekoloġiċi. L-Opinjoni wissiet dwar ir-riskju ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, peress li r-regoli stretti tal-UE jpoġġu lill-bdiewa lokali fi żvantaġġ meta mqabbla ma’ kompetituri mhux tal-UE.

Il-KESE enfasizza l-importanza tal-investiment fl-iżvilupp rurali, l-innovazzjoni u regoli tal-PAK aktar sempliċi. Peress li l-bdiewa jinsabu taħt pressjoni dejjem akbar, l-urġenza hija ċara: il-mexxejja tal-UE jridu jaġixxu qabel ma jisparixxu aktar azjendi agrikoli. (ks)



It-tis?i? tar-re?iljenza u l-kompetittività fis-Semestru Ewropew 2025

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ħareġ rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar is-Semestru Ewropew 2025 - Pakkett tal-Ħarifa, li jħeġġu investimenti strateġiċi u kooperazzjoni aktar b'saħħitha biex jissaħħu r-reżiljenza u l-

kompetittività tal-UE.

Il-KESE ressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'[Opinjoni](#) adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu fi Frar, fejn għamel enfasi fuq is-sostenibbiltà, ir-riformi tas-suq tax-xogħol u allinjament aħjar bejn il-politiki nazzjonali u tal-UE, waqt li appella għal involviment akbar tas-soċjetà ċivili.

Il-KESE ddispjaci għan-nuqqas tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, dokument ta' politika kruċjali. Huwa enfażizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE jħejju għar-riskji ġeopolitiċi li jaffettwaw il-kummerċ, l-inflazzjoni u t-tkabbir.

Il-KESE ta l-appoġġ tiegħu għall-inizjattiva Boxxla għall-Kompetittività u appella għal investimenti fis-setturi tal-enerġija u diġitali, inkluż Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Barra minn hekk, appella għal parteċipazzjoni aktar b'saħħitha tas-soċjetà ċivili, rieżami prammatiku tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), u kooperazzjoni msaħħa tal-Istati Membri biex jittejjbu l-politiki ekonomiċi u l-produttività. (tk)



L-immodernizzar tal-politika ta' koeżjoni għal UE aktar b'saħħitha u aktar re?iljenti

Il-politika ta' koeżjoni ilha pilastru tal-integrazzjoni Ewropea, u tippromovi l-unità ekonomika, soċjali u ġeografika madwar l-UE. Hekk kif qed jissawwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2027, huwa essenzjali li tiġi modernizzata l-politika ta'

koeżjoni biex jizziedu l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u r-rispons għal sfidi ġodda.

Fl-Opinjoni tiegħu adottata reċentement dwar [It-tisħiħ tal-orjentazzjoni lejn ir-riżultati tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027](#), il-KESE enfażizza l-ħtieġa li jittieħed approċċ orjentat lejn ir-riżultati biex jiġi żgurat li l-politika ta' koeżjoni tkompli ttipprovi benefiċċji tanġibbli waqt li tnaqqas l-inugwaljanzi u tippromovi l-kompetittività sostenibbli.

"Il-politika ta' koeżjoni għandha tibqa' l-istrument ewleni tal-UE għall-iżvilupp reġjonali. Approċċ orjentat lejn ir-riżultati jiżgura li kull euro li jintefaq jikkontribwixxi għall-benesseri ekonomiku u soċjali," qal ir-relatur għall-Opinjoni, **David Sventek**.

Il-QFP 2028+ se jeħtieġ bidla radikali biex jappoġġja l-iżvilupp reġjonali, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u l-kompetittività ekonomika. Bi ħtiġijiet ta' investiment li jaqbz EUR 750-800 biljun fis-sena, huwa essenzjali

li jkun hemm finanzjament b'saħħtu mill-UE.

Il-KESE jitlob li l-kapaċità fiskali tinżamm għal 1.8% tal-PDG tal-UE u li jiżdied il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni. Il-prijoritajiet ewlenin jinkludu governanza kondiviża, politiki reġjonali mfassla apposta, finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati, u proċessi simplifikati.

Approċċ immexxi mir-riżultati jsaħħaħ l-effiċjenza iżda jeħtieġ implimentazzjoni u sorveljanza aħjar. L-ibbilanċjar tal-kompetittività mal-investment soċjali, it-tisħiħ tal-appoġġ tekniku, u l-iżgurar tat-trasparenza se jfissru li l-politika ta' koeżjoni tħalli impatt ikbar, kif ukoll irawmu r-reżiljenza ekonomika u jnaqqsu d-disparitajiet madwar l-Ewropa. (tk)



Il-KESE jappella g'al turiżmu riġenerattiv biex jissaħħu l-ekonomija u l-ambjent

It-turiżmu huwa mutur għall-ekonomija tal-UE u jista' jsaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa. Wasal iż-żmien li nikkunsidraw mill-ġdid il-mod kif jaħdem it-turiżmu u nimxu lil hinn mis-sostenibbiltà lejn turiżmu riġenerattiv - fejn id-destinazzjonijiet

mhux biss jissopravvivi iżda jirnexxu.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) qed iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea tittrasforma s-settur tat-turiżmu tagħha, u tenfasizza s-sostenibbiltà u r-riġenerazzjoni biex jiġu żgurati benefiċċji ekonomiċi u ambjentali fit-tul.

Hekk kif it-turiżmu jibqa' pilastru importanti għall-ekonomija tal-UE, b'mod partikolari fir-reġjuni li jiddependu ħafna mill-industrija, il-KESE qiegħed jappoġġja tranżizzjoni aċċellerata lejn it-turiżmu sostenibbli u ċaqliqa lejn strateġiji għal turiżmu riġenerattiv, kif deskritt fl-Opinjoni tiegħu dwar [*It-turiżmu fl-UE: is-sostenibbiltà bħala xprun għall-kompetittività fit-tul*](#).

"Irridu niżguraw li t-turiżmu jkollu rwol fir-rilanċ tal-kompetittività Ewropea. Dan huwa essenzjali, peress li t-turiżmu huwa parti tant importanti mill-PDG ta' ħafna Stati Membri u reġjuni, kif ukoll tal-ktajjen tal-valur tagħhom," qalet ir-relatur għall-Opinjoni, **Isabel Yglesias**.

Is-Sinjura Yglesias qalet li l-Opinjoni bniet fuq id-Dikjarazzjoni ta' Palma, adottata matul il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill fit-tieni nofs tal-2023, li kienet iġġenerat kunsens wiesa' dwar kif jiġi żgurat li s-sostenibbiltà tkun fil-qalba tal-futur tat-turiżmu.


Biex jinkiseb dan, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali jridu jappoġġjaw b'mod attiv is-settur fit-tranżizzjonijiet tiegħu, u fl-istess ħin jiġi żgurat djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u jissaħħaħ id-djalogu soċjali.

Filwaqt li l-isforzi ta' sostenibbiltà fit-turiżmu għamlu ħafna progress, iż-żieda fl-ivvjaġġar wara l-pandemija poġġiet pressjoni fuq ħafna destinazzjonijiet popolari. Din iż-żieda qed tagħmilha aktar diffiċli għar-reġjuni biex jibbilanċjaw it-**tkabbir ekonomiku mal-iżvilupp sostenibbli**, waqt li jiffaċċjaw in-nuqqas ta' persunal u

spariġġ bejn l-impjiegi disponibbli u l-ħiliet tal-ħaddiema.

Huwa għalhekk li l-KESE qed jappella wkoll għal bidla lejn turiżmu riġenerattiv, u biex dan jiġi inkluż fl-Istrateġija Ewropea għal Turiżmu Sostenibbli, li l-Kummissjoni Ewropea ser tippreżenta fix-xhur li ġejjin.

Għall-kuntrarju tat-turiżmu sostenibbli tradizzjonali, li jiffoka fuq it-tnaqqis tal-ħsara ambjentali, it-turiżmu riġenerattiv għandu l-għan li jirrestawra u jsaħħaħ il-kapital naturali, soċjali u ekonomiku. Dan l-approċċ li jħares 'il quddiem jintegra l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u jfittex li jħalli impatt pożittiv deġġiem fuq id-destinazzjonijiet u l-komunitajiet lokali. (II)



Studju ?did tal-KESE dwar l-IA ?enerattiva: insa?? u l-kompetittività tal-IA fl-Ewropa

L-UE tinsab f'salib it-toroq kritiku f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp tal-IA. Għalkemm huwa minnu li l-kumpaniji fl-Istati Uniti jiddominaw is-suq tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva (IA ġenerattiva) - li jħaddan 80% tal-investiment privat globali - iċ-Ċina qed tavvanza b'mod rapidu. Biex jidentifika dak li huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' kompetittiva, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ippubblika studju ġdid f'kollaborazzjoni maċ-[Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej \(CEPS\)](#).

L-istudju, li tnejja taħt il-kappa tas-Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum (INT) tal-KESE, u li ġie diskuss regolarment fl-[Osservatorju tas-](#)

[Suq Uniku Diġitali tal-KESE](#), jeżamina l-opportunitajiet, l-isfidi u l-miżuri ta' politika ewlenin meħtieġa biex jissaħħaħ ix-xenarju tal-IA fl-Ewropa.

Rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-UE:

- **Tingħata spinta lill-investiment fl-IA u l-potenza komputazzjonali** – L-Ewropa trid i??id l-investiment fl-infrastruttura tal-IA biex trawwem l-innovazzjoni.
- **Issir enfasi fuq tliet setturi b'potenzjal g?oli** – L-IA tista' tixpruna t-tkabbir fl-**industrija tal-karozzi, l-enerġija nadifa u l-edukazzjoni**.
- **Il-promozzjoni tal-IA b'sors miftuħ** – L-inkora??iment ta' mudelli tal-IA miftu?a jtejjeb l-a??essibbiltà u l-kompetizzjoni.
- **Integrazzjoni aħjar tal-isforzi tar-R&Ż fl-UE.**

It-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-soċjetà ċivili fil-governanza tal-IA

L-istudju jenfasizza l-importanza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politiki u l-governanza tal-IA. Biex jissaħħu l-inklużività u l-adozzjoni etika tal-IA, ir-rapport jirrakkomanda:

- **Programmi ta' litteriżmu fl-IA** – Inizjattivi ta' ta'ri? u djalogu soġjali biex tissa??a? il-po?izzjoni tal-?addiema u l-pubbliku.
- **Approċċ intiż li jħaddan l-aspett soċjali** – L-i?gurar li l-i?vilupp tal-IA jkun i??entrat fuq il-bniedem u allinjat mal-?ti?ijiet tas-so?jetà.
- **Żieda fil-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** – Appo?? g?al organizzazzjonijiet ming?ajr skop ta' qlig? li jnaqqsu d-distakk bejn it-teknoloġija tal-IA u l-fehim pubbliku.
- **Adozzjoni etika tal-IA** – Prijoritizzazzjoni ta' sistemi tal-IA affidabbli li jallinjaw mal-valuri Ewropej.

L-isfruttar tal-potenzjal tal-KESE fil-politika dwar l-IA

Il-KESE jinsab f'pożizzjoni tajba biex jiffaċilita l-involvement strutturat tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-politika dwar l-IA. L-istudju jirrakkomanda l-promozzjoni tal-IA b'sors miftuħ u l-promozzjoni tal-innovazzjoni etika permezz tal-akkwist pubbliku u l-iskemi ta' finanzjament, u li l-KESE jservi bħala ċentru ċentrali biex jikkollabora mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet b'sors miftuħ u jissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-IA fuq is-soċjetà.

L-istudju jintroduċi wkoll **glossarju unifikat tal-IA** biex jiġi stabbilit lingwaġġ komuni, li jiżgura komunikazzjoni effettiva fost dawk li jfasslu l-politika, l-iżviluppaturi u l-utenti – li huwa kruċjali għall-iżvilupp, il-governanza u l-użu responsabbli tal-IA fis-setturi kollha.

Dan l-istudju se jiġi kondiviż ma' istituzzjonijiet ewlenin tal-UE u huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-politiki futuri dwar l-IA. Aqra r-rapport kollu [hawnhekk](#). (vk)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Copyright: EU2025 - source: EC

?arsa aktar mill-qrib lejn il-Patt g?al Industrija Nadifa tal-UE: hemm b?onn ta' ur?enza u riforma

Minn Michal Pintér, delegat tal-Kummissjoni Konsultattiva tal-KESE dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)

Il-Patt għal Industrija Nadifa li ġie mħabbar reċentement jirrikonoxxi l-importanza strateġika tal-industrija intensivi fl-enerġija għall-ekonomija tal-UE u jidentifika b'mod korrett l-isfidi ewlenin tagħhom. Minkejja li l-Patt jinkludi ideat notevoli bħal swieq ewlenin ekoloġiċi, appoġġ għall-ekonomija ċirkolari u finanzjament għad-dekarbonizzazzjoni, il-miżuri ma għandhomx l-urġenza u s-solidità meħtieġa biex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-industrija intensivi fl-enerġija tal-Ewropa.

Fl-Opinjoni tiegħu adottata dan l-aħħar dwar [*Il-futur tal-industriji tal-UE li jużaw ħafna riżorsi u enerġija fid-dawl tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u tal-ispejjeż tat-tranżizzjoni*](#), il-**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** irrikonoxxa distakk sinifikanti fil-kompetittività bejn l-industriji intensivi fl-enerġija fl-UE u dawk tal-kompetituri globali. Il-Kummissjoni b'mod korrett semmiet il-prezzijiet tal-enerġija bħala l-każun prinċipali. Madankollu, il-Patt u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli ma jipproponu l-ebda riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku. L-ipprezzar marġinali ħadem meta l-UE kienet qed tibbenefika minn gass bil-pipeline relattivament irħis u stabbli fornit mir-Russja. Sfortunatament, ir-realtà nbidlet, peress li issa ninsabu esposti għal provvisti tal-LNG għaljin u volatili, u x'aktarx hekk se jibqgħu fis-snin li ġejjin. Minkejja sehem dejjem akbar ta' elettriku bi prezz baxx u ħieles mill-fjuwils fossili fit-taħlita tal-enerġija tal-UE, il-prezzijiet tal-fjuwils fossili jkomplu jiddeterminaw il-formazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku.

L-isforzi ta' politika biex jiżdiedu s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli huma milqugħa, iżda ma jnaqqasux il-kontinwazzjoni tal-elettriku min-ħabba d-disinn attwali tas-suq. Huma meħtieġa miżuri immedjati biex jiġu ttrasferiti l-benefiċċji tal-kostijiet tal-elettriku rinnovabbli lill-industriji u jiġu vvalutati l-għażliet kollha ta' mitigazzjoni tal-prezzijiet, inkluż id-diżakkoppjament tal-prezzijiet tal-elettriku.

Il-Patt jirrikonoxxi wkoll lakuni fil-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (l-ebda soluzzjoni ta' esportazzjoni, ridistribuzzjoni u ċirkomvenzjoni tar-riżorsi) u strumenti ta' protezzjoni tal-kummerċ. Madankollu, sfortunatament il-Patt f'tit li xejn jgħidilna dwar kif is-suq tal-UE se jiġi protett, u jħalli lill-industriji intensivi fl-enerġija joperaw f'inċertezza fi gwerra kummerċjali globali.

Il-KESE jhegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-UE jimplimentaw miżuri deċiżivi fi pjani ta' azzjoni speċifiċi għas-settur, sabiex tiġi evitata aktar deindustrijalizzazzjoni u tinżamm il-kapaċità tal-UE għat-trasformazzjoni industrijali.



[L-ebda difi? a ming? ajr investment soċjali](#)

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

L-infiq fid-difiża u fl-istat soċjali għandu jimxi id f'id — m'għandniex nissagrifikaw l-istat soċjali biex nagħtu spinta lill-infiq fid-difiża. Stat soċjali b'saħħtu jibqa' għodda ewlenija biex ma jħallix l-aspirazzjonijiet tal-partiti tal-lemin estrem li

jirreplikaw l-awtokrazzi tat-tip tal-Kremlin fl-UE.

Hekk kif bdiet ir-raba' sena tal-gwerra fl-Ukrajna, ħafna vuċijiet qed jitolbu żieda fl-infiq fid-difiża, b'mod partikolari b'segwitu għall-bidliet politiċi fl-Istati Uniti. Il-protezzjoni tal-pajjiżi Ewropej ma tidhirx li għadha garantita. Id-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet militari fil-livell tal-UE, iżda wkoll dwar iż-żieda fid-dejn, m'għadhomx tabù.

Madankollu, xi wħud minn dawn l-ilħna jiddeskrivu s-sitwazzjoni bħala kompromess ta' newtralità baġitarja mal-istat soċjali, daqslikieku l-qawwa militari tal-Istati Uniti hija dovuta għan-nuqqas ta' protezzjoni soċjali adegwata tal-pajjiż, jew daqslikieku l-armati tagħna jinsabu f'pożizzjoni dgħajfa min-ħabba l-pensjonijiet u s-sigurtà soċjali.

Mill-Grupp tal-Ħaddiema, irridu nenfasizzaw żewġ kwistjonijiet:

- L-UE b'mod kumplessiv għandha t-tieni l-akbar nefqa militari fid-dinja. Waqt li f'erti każijiet tista' tkun me'tie'a nefqa komuni jew addizzjonali, dak li huwa verament me'tie? huma l-koordinazzjoni u l-pro?etti kon?unti li ji?guraw l-awtonomija strate?ika. Għandna b?onn niddefendu lilna nfusna, mhux nikkompetu globalment mal-Istati Uniti.
- Stat so?jali li jiffunzjona tajjeb, flimkien ma' sforzi biex ji?u mi??ielda l-faqar u l-inugwaljanza, huwa g?odda ewlenija biex il-lemin estrem ma jit?alliex jie?u l-kontroll f'?afna Stati Membri. Dawn il-partiti tal-lemin estrem, li qed ji?diedu fil-popolarità tag?hom, f'tit li xejn għandhom inklinazzjoni għad-demokrazija, huma ostili b'mod miftu? għal ?afna mill-valuri tag?na, jaspiraw li jirreplikaw l-awtokrazija tal-Kremlin fl-Istati Membri tag?na u, jekk ikunu fil-poter, se ji?guraw li ma tkun tista' ti?viluppa l-ebda politika ta' difi?a kkoordinata.

Għalhekk, l-Istati Membri jeħtiġilhom iqisu li d-difiża u l-investment soċjali jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, u jippermettu wieħed lill-ieħor.



Il-grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-So?jetà ?ivili jappella biex is-so?jetà ?ivili ting?ata aktar widen

Mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE

Il-KESE għandu jkun involut mill-bidu nett fl-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea biex jissaħħaħ l-involvement mas-soċjetà ċivili. Skont il-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, l-istudju li jmiss tal-KESE dwar *L-immappjar tal-prattiki tad-djalogu ċivili fl-Istituzzjonijiet tal-UE* jista' jipprovdi kontribut siewi.

Wara l-bidu taċ-ċiklu politiku l-ġdid tal-UE, u t-tħabbir ta' *Strateġija tal-UE għall-appoġġ, il-protezzjoni u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili* għat-tielet kwart tal-2025 fil-[Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni](#), il-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili organizza [konferenza](#) biex jenfasizza l-azzjonijiet ewlenin meħtieġa għall-mandat 2024-2029. Għall-avveniment fit-3 ta' Marzu attendew ċittadini u madwar 100 rappreżentant minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nazzjonali u Ewropej.

Séamus Boland, il-President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, qal li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol x'jaqdu biex jiżguraw li t-tfassil tal-politika jkun infurmat u li jwieġeb għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini. Huwa tenna t-talba tal-Grupp u tal-Kumitat biex il-KESE jkun involut fil-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili ppjanata mill-Kummissjoni.

"Il-KESE, bl-esperjenza tiegħu u l-pjattaforma li jipprovdi, jeħtieġlu jkun involut mill-bidu fl-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea biex jiżdied l-involvement mas-soċjetà ċivili. Il-KESE jeħtieġlu jieħu sehem fil-governanza u jkun parti ewlenija mill-inizjattiva dwar il-ħolqien ta' Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili," sostna s-Sur Boland.

Huwa argumenta li djalogu ċivili strutturat, regolari, trasparenti u inklużiv għandu jinbena fuq strutturi eżistenti u jlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Konsegwentement, l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom joħolqu grupp ta' ħidma dwar id-djalogu ċivili, iffaċilitat mill-KESE.

"Grupp ta' ħidma dwar id-djalogu ċivili jista' joħloq pjan dettaljat għal ambjent aktar favorevoli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-tfassil tal-politika," qal is-Sur Boland. Dan jista' jkun l-ewwel pass lejn djalogu ċivili aktar strukturat u jindirizza l-mistoqsijiet li ġejjin: min jiġi kkonsultat, dwar liema

suġġetti, fuq liema skedi ta' żmien, b'liema eżiti?

Barra minn hekk, il-grupp ta' ħidma propost jista' jibbaża fuq l-istudju li jmiss tal-KESE dwar il-prattiki ta' dialogu eżistenti, intitolat *L-immappjar tal-prattiki tad-dialogu ċivili fl-Istituzzjonijiet tal-UE*.

L-istudju għe kkommissjonat mill-KESE fuq talba tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili. Ir-riżultati mistennija jkunu disponibbli minn Lulju 2025. L-istudju jwettaq immappjar komprensiv tal-prattiki tad-dialogu ċivili fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE: liema proċessi ta' involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qed jiġu organizzati bħalissa u x'metodoloġija qed tintuża? L-għarfien dwar il-prattiki eżistenti għandu jinforma u jappoġġja l-ħidma lejn dialogu ċivili aktar strutturat fiċ-ċiklu leġislattiv il-ġdid. Is-sejbiet preliminari tal-istudju kienu diġà ppreżentati fil-konferenza minn **Berta Mizsei** miċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej (CEPS).

Il-Konferenza enfasizzat ukoll li s-saħħa finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili hija prekondizzjoni għad-dialogu u l-konnessjoni ta' dawk li jfasslu l-politika mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini. L-istabbiltà finanzjarja u l-indipendenza tagħhom iridu jiġu ggarantiti.

Il-[konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet](#) li ħarġu mill-konferenza jinsabu disponibbli fuq is-sit web tal-KESE.

LENTI FUQ L-AVVENIMENT L-EWROPA TIEG? EK, LE?NEK



[L-Ewropa Tieġ?ek, Le?nek 2025: I?-?ittadinanza attiva u l-?lieda kontra l-korruzzjoni huma prijorità fl-a?enda ta?-?g?a?ag?](#)

L-edizzjoni tal-2025 ta' ***L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!***, l-avveniment annwali taż-żgħażaġħ organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), saret fit-13 u l-14 ta' Marzu, bit-tema

“Nagħtu vuċi liż-żgħażaġħ” u b'enfasi fuq ir-rwol taż-żgħażaġħ fit-tiswir kollettiv ta' futur reżiljenti.

L-avveniment ta' din is-sena laqqa' flimkien kważi 100 żaġġuġħ u żaġġuġħa minn madwar l-UE, id-disa' pajjiżi kandidati tal-UE, u r-Renju Unit. Il-parteċipanti rrappreżentaw lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, lill-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġħ u lill-iskejjel sekondarji, u enfasizzaw it-tħassib ta' firxa wiesgħa ta' gruppi. Waqt li ħafna huma promoturi taż-żgħażaġħ b'esperjenza, għal oħrajn, dan l-avveniment kien ifisser l-ewwel pass importanti ta' involviment fid-demokrazija parteċipattiva fil-komunitajiet tagħhom u lil hinn.

F'diversi sessjonijiet ta' ħidma, iż-żgħażaġħ, iggwidati mill-faċilitaturi, identifikaw l-aktar kwistjonijiet urġenti li jemmnu li l-atturi politiċi għandhom jindirizzaw. Dawn il-kwistjonijiet kienu jvarjaw mill-ġlieda kontra l-

korruzzjoni, sal-iżvilupp ta' strateġija koerenti dwar il-klima u l-iżgurar ta' ugwajjanza tad-drittijiet għal kulħadd. Peress li l-korruzzjoni tgħawwar il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u ddgħajjed id-demokrazija, bilfors irid jiġi appoġġjat il-ġurnaliżmu investigattiv u trid tittejjeb it-trasparenza fl-użu tal-flus tal-kontribwenti.

"Irridu niżguraw l-obbligu ta' rendikont. Ma nistgħux naffordjaw li nkunu passivi peress li l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni hija għolja wisq. Irridu niġġielduha u nirbħuha," qalet persuna żagħżugħa mill-parteċipanti tal-avveniment.

Iż-żgħażaġh semmew ukoll il-ħtieġa ta' objettivi komuni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u enfasizzaw il-bżonn jiġi minqas il-prinċipju ta' eżistenza ħielsa mill-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima." Huma talbu li jitfassal kurrikulum ibbażat fuq il-valuri, li jkollu impatt pożittiv fuq l-imġiba online u jimmitiga d-diżinformazzjonni. Il-parteċipanti ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek kienu favur ukoll drittijiet, trattament u opportunitajiet indaqs, minbarra l-inklużjoni ta' kulħadd fl-ispazji kollha. Fir-rigward tan-nuqqas ta' rappreżentanza taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, huma enfasizzaw li demokrazija tirrikjedi li jinstemgħu l-ilħna kollha.

L-avveniment ta' ġurnata u nofs laħaq il-qofol tiegħu fil-plenarja tal-għeluq taż-żgħażaġh, fejn ġemgħa ta' żgħażaġh b'impenn u involviment ippreżentat ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-President tal-KESE, **Oliver Röpk**e u lill-koordinatur tal-UE għaż-żgħażaġh, **Biliana Sirakova**. Wara votazzjoni, il-parteċipanti żgħażaġh ikklassifikaw ħames punti fokali f'ordni ta' importanza.

(1) Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tat-trasparenza u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh.

(2) Iċ-ċittadinanza attiva: mill-klassi sal-komunità.

(3) Ugwajjanza f'kollox.

(4) Iż-żgħażaġh jistħoqqilhom siġġu.

(5) L-iżvilupp ta' strateġija koerenti dwar it-tibdil fil-klima.

Il-President Röpk e enfasizza li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jsawru l-ħidma konsultattiva tal-KESE, u enfasizza l-ugwajjanza bejn il-ġeneri bħala prijorità ewlenija għall-Kumitat. Is-Sinjura Sirakova nnotat li dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jgħinu wkoll biex jiggwidaw il-ħidma tal-UE. (cpwb)



In?e??u biex insa??u l-po?izzjoni

Minn Kristýna Bulvasová

F'dinja prekarja fejn it-twelmin stabbilit qed jiddgħajjed, u l-valuri li qabel kienu komuni m'għadhomx jgħaqqduna iżda jifirduna, jeħtieġ li ż-żgħażaġh jingħataw opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom b'mod sinifikanti minnufih biex jindirizzaw il-

ħafna kwistjonijiet urġenti li qed ikomplu jiżdiedu quddiem għajnejna. Id-diskussjonijiet ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2025 urew biċ-ċar li ma hemm l-ebda suġġett li jista' jissejjaħ is-“suġġett taż-żgħażaġħ” u li ż-żgħażaġħ ġustament jinsabu mħassba dwar ħafna problemi differenti – li jvarjaw mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza sal-indirizzar tat-tibdil fil-klima, tikteb l-istudenta Ċeka Kristýna Bulvasová li ħadet sehem ukoll f'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek.

Kemm-il darba, bħala żaġġugħa Ġen Z, smajt il-kliem “il-ġenerazzjoni tiegħek qed tħabbat wiċċha ma' kwistjonijiet bla preċedent”, jew “issa f'idejn it-tmexxija tagħkom biex tgħinu nsolvu l-isfidi attwali”. Ir-riskji huma kbar, u daqstant ieħor huma l-isfidi li qed niffaċċjaw: rigress demokratiku mingħajr preċedent, polarizzazzjoni tas-soċjetajiet tagħna fuq kwistjonijiet li qabel kienu “valuri komuni”, id-destabbilizzazzjoni ta' twemmin u sistemi stabbiliti, flimkien ma' prekarjetà dejjem tiżdied.

L-aspettattivi għoljin mhumieq piż fuq iż-żgħażaġħ biss, iżda wkoll fuq l-organizzazzjonijiet sottofinanzjati tas-soċjetà ċivili u r-rwol kruċjali tagħhom biex jixprunaw il-valuri taż-żgħażaġħ, kif ukoll fuq is-sistemi edukattivi. L-edukazzjoni formali għandu jkollha s-setgħa li tgħammar liż-żgħażaġħ bil-ħiliet u l-għodod li jeħtieġu biex isiru dawk li jsolvu l-problemi u l-mexxejja tal-lum u ta' għada. Iżda nibża' li ħafna sistemi edukattivi huma riġidi wisq biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-seklu 21 u li l-iskejjel, ma jipprovdux edukazzjoni dwar it-tibdil fil-klima jew kwistjonijiet ġenerali tas-saħħa b'rabta miegħu, pereżempju, mas-saħħa mentali jew riproduttiva. Barra minn hekk, ma għandhomx teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u ma joffrux aċċess adegwat għall-gruppi vulnerabbli.

Anke l-kwistjoni ta' min għandu jitqies vulnerabbli ġiet politiciżzata – jew aġġar minn hekk, strumentalizzata – u dan poġġa pressjoni addizzjonali fuq dawk li l-inqas jistgħu jaffordjawha u li m'għandhomx jitħallew jibqgħu lura.

Is-soċjetajiet tagħna ma għadhomx jaqblu dwar xi tfigħer vulnerabbiltà jew kif jirrikonossuha. Dan esperjenzajt direttament waqt li mexxejt workshop fi skola qrib il-fruntiera bejn iċ-Ċekja u s-Slovakkja, fejn indirizzajt id-differenza bejn il-paġi tal-irġiel u tan-nisa u inugwaljanzi oħra b'rabta mal-ġeneru. L-istudenti u l-għalliema ma ridux jemmnu, u ċaħdu kompletament l-idea li l-inugwaljanzi jistgħu jeżistu fis-soċjetà tagħna. Dan iġegħelni naħseb li għandna bżonn niddiskutu aktar, u nibnu l-kapaċità fuq il-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi eżistenti, irrispettivament mill-grupp ta' età.

L-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u l-opportunitajiet għaż-żgħażaġħ – inklużi n-nisa u l-bniet żvantaġġjati, il-persuni b'diżabbiltà u ż-żgħażaġħ bi sfond ta' migrazzjoni – għadu jidher bħala ħolma li ma tistax tintlaħaq. Jekk l-għan komuni tagħna huwa li nipprovdu liż-żgħażaġħ b'pedament sod biex isarrfu l-potenzjal u l-ħolm tagħhom f'realtà, jeħtieġ li nibdew nieħdu azzjoni. Il-proposta ta' soluzzjoni mhijiex sempliċi, iżda t-tisħiħ tar-rabtiet tal-Istati Membri tal-UE mas-soċjetajiet ċivili – speċjalment dawk fl-edukazzjoni informali – jista' jgħin biex jitnaqqsu d-distakki wara li jiġi ddeterminat liema oqsma huma l-aktar vulnerabbli. It-taħriġ mill-ġdid sussegwenti tal-għalliema u tal-persuni kollha li jaħdmu maż-żgħażaġħ fil-prattika tal-bini tal-komunità jista' jipprovdi qafas għal xi wħud mis-soluzzjonijiet immirati u sistematiċi.

Is-soċjetà ċivili assumiet ir-rwol li tteġġeg il-parteciġazzjoni attiva taċ-ċittadini, iżda l-involviment taż-żgħażaġħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-governanza demokratika għadu baxx. Bejn l-aspirazzjonijiet taż-żgħażaġħ u l-ispazji u l-opportunitajiet disponibbli biex dawn jinkisbu hemm distakk ċar. L-elezzjonijiet waħedhom mhumieq qed jagħtu r-riżultati mixtieqa, peress li f'ċerti pajjiżi l-ġlieda kontra l-kulturi politiċi u d-diżinformazzjoni għadha sfida. Madankollu, li ma tivvotax ma jfissirx li m'għandekx opinjoni, jew kwistjonijiet li tixtieqhom jiġu indirizzati. Biex inħeġġu ċ-ċittadinanza attiva, iż-żgħażaġħ ma jeħtiġux biss esperjenzi

pożittivi ta' azzjoni demokratika iżda riżultati tanġibbli – mingħajr youthwashing, tokeniżmu jew selettività. Nibqa' nittama li l-Istati Membri tal-UE se jkunu jistgħu joħolqu dawn l-ispace u forsi jmorru lil hinn minn sitwazzjoni fejn iż-żgħażaġh ikollhom jistennu l-oportunità ta' involviment u kokreazzjoni b'mod sinifikanti. Imma għal dan m'għandniex għalfajn nistennu tliet, f'hekk jew għaxar snin. Il-bidla għandha ssir minnufih biex nevitaw li d-distakki tas-soċjetà jkomplu jikbru.

F'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2025, kelli l-pjaċir nipparteċipa fl-abbozzar ta' rakkomandazzjoni waħda relatata b'mod partikolari mat-tibdil fil-klima peress li personalment nemmen li l-kriżi planetarja tripla hija waħda mill-akbar sfidi għall-umanità. L-iżvilupp ta' strateġija koerenti dwar it-tibdil fil-klima għall-UE kienet waħda mill-fames rakkomandazzjonijiet ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek, flimkien mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tat-trasparenza u l-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh, iċ-ċittadinanza attiva, l-ugwaljanza u l-idea li "ż-żgħażaġh jistħoqqilhom ikunu rappreżentati." Peress li tinsab fil-lista tal-aktar rakkomandazzjonijiet kondiviżi, huwa ċar li l-parteeipanti ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek iqisuha bħala sfida kruċjali li għandha tiġi indirizzata. Madankollu, dan jirrifletti l-perspettiva ta' grupp ta' żgħażaġh li diġà għandu xi ftit setgħa u ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv tal-Istati Membri kollha tal-UE. Xi wħud setgħu f'asbu li din ir-rakkomandazzjoni partikolari tkun l-aktar importanti għall-parteeipanti ta' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2025, iżda kklassifikat l-aħħar fil-votazzjoni finali. Dan għandu jservi ta' tagħlima li ma hemm l-ebda suġġett li jista' jissejjaħ "is-suġġett taż-żgħażaġh". Huwa minnu li ż-żgħażaġh jinsabu mħassba dwar il-kwistjonijiet attwali kollha, u l-aġenda għaż-żgħażaġh hija intrinsikament wiesgħa u transsettorjali.

Ċerti żgħażaġh jirrikonoxxu l-importanza tal-protezzjoni ambjentali u s-sostenibbiltà, waqt li oħrajn ma jistgħux jaffordjaw li jipprijoritizzawha peress li għadhom diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet bażiċi tagħhom. Semmejt il-kriżi planetarja tripla bħala waħda mill-isfidi ewlenin tal-umanità, iżda jekk inqisu l-ħtieġa li nindirizzaw il-problemi ewlenin kollha f'daqqa sabiex insibu soluzzjonijiet effettivi, l-istampa tinbidel. Il-kuntest ġeopolitiku attwali u l-ġlieda tal-UE għall-kompetittività globali qed jiddevjaw l-attenzjoni mill-proċessi ta' tranżizzjoni u qed inaqqsu r-ritmu tagħhom. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, aħna m'għandniex pjaneta B biex insolvu dawn il-kwistjonijiet fuqha, u ma naffordjawx li nkomplu naqbżu l-limiti planetarji – u dan jgħodd ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Waqt li nerġgħu nħarsu lejn ir-riskji, iż-żgħażaġh fid-diversità kollha tagħhom xorta għandhom ikunu jistgħu jħaddnu ż-żgħożija bil-privileġġi, l-isfidi u s-sbuħija kollha tagħha. Madankollu, rapport reċenti tan-NU juri tnaqqis ċar fis-sodisfazzjon u l-kontentizza tal-ħajja fost l-adulti żgħażaġh fl-aħħar għaxar snin. Minkejja l-isfidi serji li qed niffaċċjaw, nemmen bis-sħiħ li jekk nistgħu nkunu sors ta' ispirazzjoni għaż-żgħażaġh permezz ta' riżultati tanġibbli mill-azzjonijiet tagħhom, għandna ċans tajjeb li nindirizzaw l-aktar problemi urġenti u ntejbu l-kwalità tal-ħajja għal kulħadd.

Kristýna Bulvasová hija membru tan-*Network Ewropew taż-Żgħażaġħ għall-Iżvilupp Sostenibbli*. Kienet delegata għaż-żgħażaġh fil-Kongress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa u delegata għaż-żgħażaġh Ċeki fin-Nazzjonijiet Uniti. Eks kelliema tal-Forum taż-Żgħażaġħ Ċek-Ġermaniż, u għadha impenjata b'mod attiv fit-tiħiħ tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Kristýna hija attivista taż-żgħażaġh b'interess partikolari fuq l-edukazzjoni u s-sostenibbiltà orjentati lejn il-futur, u bħalissa tmexxi l-NGO Ċeka "MOB – Young Citizens" waqt li qed tlesti l-istudji tagħha fl-Università Charles fi Praga u l-Università ta' Regensburg. Minbarra li f'adett sehem b'mod attiv f'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek, Kristýna kien ukoll kelliema fil-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE matul is-sessjoni dwar il-[Prospettiva għal tranżizzjoni ġusta inklużiva u tkabbir ekoloġiku u blu](#).



‘GħA’AGħ MOLDOVANI JIPPARTE‘IPAW F’“L-EWROPA TIEGħEK, LEħNEK”: NIBNU ? ENERAZZJONI LI T‘ARES LIL HINN MIL- LIMITAZZJONIJIET

Iż-żagħżugħa Moldovana Mădălina-Mihaela Antoci kienet waħda mir-rappreżentanti tal-pajjiżi kandidati tal-UE fl-avveniment annwali taż-żgħażaġħ tal-KESE ta’ din is-sena ***L-Ewropa Tiegħek, Leħnek***. Hija ħadet sehem ukoll fil-***Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili*** tal-KESE fejn għamlet diskors ta’ ispirazzjoni matul il-panel inawgurati ***Għadna magħqudin fid-diversità***. Il-President tan-Network tal-Istudenti tal-Erasmus tal-Moldova u membru tal-bord tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-pajjiż, Mădălina-Mihaela qasmet xi tfisser l-UE għaż-żgħażaġħ Moldovani u qaltilha dwar il-missjoni tagħha biex tteġġeg liż-żgħażaġħ minn pajjiżha jistudjaw barra l-pajjiż u jħaddnu mentalità globali.

1. Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Moldova qiegħed jinvolvi liż-żgħażaġħ f’diskussjonijiet dwar l-integrazzjoni fl-UE? Iż-żgħażaġħ Moldovani kif jarawha l-UE?

Assolutament! Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Moldova jiżgura li fehmet iż-żgħażaġħ jinstemgħu fil-proċess ta’ integrazzjoni tal-Moldova fl-UE permezz ta’ konsultazzjonijiet, kampanji ta’ promozzjoni u involviment dirett ma’ daww li jfasslu l-politika. Għal hekk għażaġħ Moldovani l-UE tirrappreżenta progress, orizzonti ġodda, u futur fejn it-talenti tagħhom huma rikonoxxuti u apprezzati. Madankollu, għad hemm nuqqas fis-sensibilizzazzjoni, u hawn nidħlu aħna, fejn inbiddlu l-kurżità f’parteċipazzjoni attiva.

Qed norganizzaw fora, dibattiti u workshops dwar l-integrazzjoni tal-UE, il-politika u d-drittijiet taż-żgħażaġħ. Qed nappellaw biex iż-żgħażaġħ jiġu inklużi fil-proċessi nazzjonali tat-teħid ta’ deċiżjonijiet. Qed inniedu kampanji biex ninfurmaw u nedukaw liż-żgħażaġħ Moldovani dwar il-benefiċċji tas-sħubija fl-UE.

2. Tista’ tintroduċi fil-qosor il-ħidma tiegħek man-Network tal-Istudenti tal-Erasmus tal-Moldova?

Bħala President tal-Network tal-Istudenti tal-Erasmus tal-Moldova, għandi missjoni li nikkonnettja liż-żgħażaġħ ma’ opportunitajiet internazzjonali li jibiddlu l-ħajja. It-tim tagħna jaħdem biex jippromovi l-mobbiltà, joħloq ambjent akkoljenti għall-istudenti ta’ skambju, u jippromovi l-edukazzjoni internazzjonali. Waħda mill-inizjattivi ewlenin tiegħi hija *L-Erasmus fl-iskejjel*, fejn nispiraw lill-istudenti tal-iskola sekondarja biex joħolmu lil hinn mill-fruntieri u jħaddnu mentalità globali.

3. Tista’ taqsam xi ċifri dwar kemm studenti Moldovani bbenefikaw mill-programm akkademiku Erasmus+ s’issa, jew totalment jew annwalment?

Bħalissa, il-Moldova ma tospitax studenti tal-Erasmus+ minn pajjiżi oħra, iżda ż-żgħażaġħ tagħna qegħdin iħallu impressjoni barra l-pajjiż! Kull sena, bejn 500 u 700 student tal-Moldova jistudjaw jew jagħmlu traineeships f’istituzzjonijiet Ewropej ewlenin permezz tal-Erasmus+. Minn mindu tnieda l-programm, eluf ta’ żgħażaġħ kisbu esperjenza internazzjonali, u għadu lura l-innovazzjoni, it-tmexxija u perspettiva ġdida. Permezz ta’ *L-Erasmus fl-iskejjel*, nistinka biex il-mobbiltà ssir realtà għal aktar żgħażaġħ Moldovani, biex nurihom li d-dinja qiegħda hemm biex jesplorawha.

4. Fil-fehma tiegħek, x'inhom l-valur ta' tali programmi ta' skambju akkademiku għaż-żgħażaġh f'pajjiż kandidat bħall-Moldova?

Erasmus+ mhuwiex biss programm ta' studju – huwa punt tat-tluq għall-futur tal-Moldova. Jagħti liż-żgħażaġh aktar minn edukazzjoni; jagħtihom l-adattabbiltà, ir-reżiljenza u perspettiva Ewropea. F'pajjiż kandidat bħall-Moldova, huwa dwar li tinbena ġenerazzjoni li tara lil hinn mil-limitazzjonijiet, li tinnova, tikkollabora, u li tkun lesta li tmexxi lil pajjiżna lejn il-futur Ewropew.

5. X'kienu l-aspettattivi tiegħek għal “L-Ewropa Tiegħek, Leħnek” u l-Ġimgħa tas-Soċjeta' Ċivili?

Stennejt diskussjonijiet b'saħħithom, ideat kuraġġu u impenji reali għall-inklużjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika. Dawn l-avvenimenti huma aktar minn sempliċement laqgħat – huma pjattaformi fejn iż-żgħażaġh li jixprunaw il-bidla jifidaw l-istatus quo u jistinkaw għal Ewropa aktar b'saħħitha u aktar inklużiva. Għall-Moldova, dan huwa pass ieħor biex jitnaqqas id-distakk bejn ir-realtà lokali fil-prattika u l-ambizzjonijiet Ewropej, u dan juri li ż-żgħażaġh tagħna mhumieq qed jistennew il-futur – qed joħolquh.

Mădălina Mihaela Antoci hija mexxejja taż-żgħażaġh ta' 21 sena b'passjoni fl-edukazzjoni, l-involviment ċiviku u t-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh. Bħaliisa hija l-President tan-Network tal-Istudjanti tal-Erasmus tal-Moldova u hija membru tal-bord tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Moldova.

Tiddefendi bla heda l-programm akkademiku Erasmus+ u kisbet suċċess notevoli fl-inkoraġġiment taż-żgħażaġh biex jespjoraw opportunitajiet internazzjonali, waqt li enfasizzat ukoll il-valur tal-edukazzjoni fid-dar. Permezz tal-isforzi tagħha, hija ispirat mijiet ta' studenti biex jinvolvu ruħhom fil-mobbiltà akkademika u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-komunitajiet lokali tagħhom.



Il-qawwa ta' -?g?a?ag? Ukreni hija tassew kbira

L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2025 laqqgħet flimkien madwar 90 student u studenta mill-UE, mill-pajjiżi kandidati u mir-Renju Unit. Valeriia Makarenko waslet minn Kharkiv, belt mifnija bil-gwerra, fl-Ukrajna biex tirrappreżenta lil pajjiżha fl-avveniment. Hija qaltilha għaliex il-parteċipazzjoni f'L-Ewropa

Tiegħek, Leħnek kienet importanti ħafna għaż-żgħażaġh Ukreni, u qasmet t-tamietha li l-ġenerazzjoni tagħha, imsawra mir-reżiljenza u l-unità matul il-gwerra, twassal lill-Ukrajna lejn futur aħjar.

1) Għaliex taħseb li huwa importanti li ż-żgħażaġh jattendu avvenimenti tal-UE bħal L-Ewropa Tiegħek, Leħnek?

Nemmen li l-attendenza għal avvenimenti tal-UE bħal L-Ewropa Tiegħek, Leħnek hija kruċjali għaż-żgħażaġh għax tagħtihom pjattaforma biex jesprimu l-opinjoni tagħhom, jieħdu sehem f'diskussjonijiet sinifikanti u jsawru b'mod attiv il-futur tal-Ewropa. Dawn l-avvenimenti jipprovdu opportunitajiet mitqilhom deheb biex wieħed jitgħallim dwar il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jiżviluppa ħiliet ta' tmexxija u joħloq kuntatti ma' pari minn pajjiżi differenti. Fir-rigward taż-żgħażaġh Ukreni, il-parteċipazzjoni hija saħansitra aktar

sinifikanti peress li tippermettilna naqsmu l-esperjenzi awtentiċi tagħna, nippromovu l-integrazzjoni Ewropea tal-Ukrajna u nrawmu s-solidarjetà fost iż-żgħażaġħ Ewropej.

2) Kif taħseb li l-gwerra kellha impatt fuq iż-żgħażaġħ fl-Ukrajna?

Bla dubju, il-gwerra fuq skala sħiħa biddlet b'mod sinifikanti l-ħajja taż-żgħażaġħ fl-Ukrajna, u affettwat l-edukazzjoni, is-saħħa mentali u s-sens ta' sigurtà ġenerali tagħhom. Pereżempju, ħafna kellhom jadattaw għall-istudju online jew jirrilokaw, spiss f'kundizzjonijiet instabbli. Madankollu, il-gwerra ġabet magħha wkoll ir-reżiljenza – iż-żgħażaġħ Ukreni mhux biss saru simboli ta' poter u qawwa, iżda saru wkoll aktar involuti fil-volontarjat, fl-attiviżmu u fil-ħidma ta' bini mill-ġdid, bħal proġetti ta' ppjanar urban. Minkejja d-diffikultajiet, nibqgħu determinati li nħarsu l-identità tagħna u nikkontribwixxu għall-futur ta' pajjiżna.

3) X'inhuma t-tamiet tiegħek għall-futur taż-żgħażaġħ fl-Ukrajna?

Żgur li l-ġejjieni huwa kwistjoni kkomplicata għal kważi kull persuna żagħżugħa Ukrena. Il-komunità tiegħi u jien nittamaw li ż-żgħażaġħ kollha fl-Ukrajna jkollhom aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, opportunitajiet għal żvilupp professjonali u futur sigur f'Ukrajna b'saħħitha u indipendenti. Nittama wkoll li l-komunità internazzjonali tkompli tappoġġja lill-Ukrajna fil-bini mill-ġdid sabiex iż-żgħażaġħ ikunu jistgħu jirnexxu aktar milli sempliċiment jibqgħu ħajjin. Il-qawwa taż-żgħażaġħ Ukreni hija tassew kbira, għalhekk huwa ta' ispirazzjoni li naraw aktar u aktar żgħażaġħ jipparteċipaw fi proġetti differenti fl-edukazzjoni, ix-xjenza, ir-restawr tal-infrastruttura u oqsma oħra. L-aktar importanti, nittama li l-ġenerazzjoni tagħna, imsawra mir-reżiljenza u l-unità, twassal lill-Ukrajna għal futur aħjar, aktar innovattiv u demokratiku.

4) Ħsibijietek tal-aħħar dwar l-avveniment?

Kont tassew ispirata. Anki billi ngħid kelmtajn mal-oħrajn, nisma' jew nanalizza dak li kienu qed jgħidu parteċipanti oħra, nista' ngħid li, iva, din hija xena ta' qawwa liema bħalha, u sempliċiment billi ningħaqdu, nistgħu nuru dak li aħna verament kapaċi nwettqu. Pereżempju, ċerti proġetti li għamilna tassew għenuna nifhmu pajjiżi oħra aħjar. Smajt tant fatti dwar pajjiżi differenti li ma kontx smajt qabel. Ninsab kuntenta ħafna, u kburija li kont hemm.

Valeriia Makarenko hija studenta ta' 16-il sena minn Kharkiv, l-Ukrajna. Hija tattendi l-10 grad fil-liċeo ta' Kharkiv #99.



L-esperjenza tiegħi f'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2025 – I?-?g?a?ag? jistgħu jagħmlu differenza!

L-istudent ta' sbatax-il sena, Adam Mokhtari, kien wieħed mir-rappreżentanti tal-Irlanda f'**L-Ewropa Tiegħek, Leħnek** li saret f'Marzu fi Brussell bit-tema "Nagħtu vuċi liż-żgħażaġħ". Aktar tard huwa ppreżenta r-rakkomandazzjonijiet ta' "L-Ewropa

Tiegħek, Leħnek" fil-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE fejn tkellem f'sessjoni bit-titolu **Nidentifikaw il-perkors tal-Ewropa - Il-konnessjoni mill-ġdid ta' soċjetajiet polarizzati permezz tat-tagħlim komunitarju u l-edukazzjoni ċivika**. Adam jiddeskrivi dak li għoġbu f'"L-Ewropa Tiegħek, Leħnek" u jaqsam l-istorja personali tiegħu biex jenfasizza għaliex irid Ewropa fejn

kulħadd iħossu inkluż.

Minn Adam Mokhtari

Jien Adam Mokhtari, u kelli esperjenza mill-isbaħ meta rrappreżentajt lill-Irlanda f’L-Ewropa Tiegħek, Leħnek tal-2025. Madwar 90 żagħżuġh u żagħżuġha minn madwar L-Ewropa ltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-ideat u jsawru l-futur.

Waħda mill-partijiet favoriti tiegħi kienet il-ħidma fi gruppi biex jiddiskutu kwistjonijiet importanti u jieħdu deċiżjonijiet. Tasew gawdejt ukoll l-attività fejn biddilna ma’ xulxin ir-rwoli ta’ semmiegħ, kelliem u osservatur, u ddiskutejna xi tfigħer l-Ewropa għal kull wieħed minna personalment. Kull wieħed minna kellu seba’ minuti biex jitellem, u b’hekk stajna naċċertaw li nstemgħet il-vuċi ta’ kulħadd.

Fl-aħħar, qbilna dwar **ħames rakkomandazzjonijiet ewlenin**. Dawn huma li l-gvernijiet isiru aktar trasparenti u jinkludu liż-żgħażaġh, it-tagħlim dwar ċittadinanza attiva fl-iskejjel, l-iżgurar tal-ugwaljanza għal kulħadd, li ż-żgħażaġh jingħataw vuċi reali fil-politika, u l-ħolqien ta’ pjan ta’ azzjoni b’saħħtu dwar il-klima.

Kelli l-unur nirrappreżenta lill-parteċipanti kollha ta’ L-Ewropa Tiegħek, Leħnek fil-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, u naqsam ir-rakkomandazzjonijiet tagħna ma’ dawk li jfasslu l-politika. Dan kollu wrieni li l-ilħna taż-żgħażaġh huma importanti!

Il-qawwa tal-edukazzjoni

L-edukazzjoni għandha rwol enormi biex tgħin liż-żgħażaġh jinvolve ruħhom fid-demokrazija. Tgħallimna kif naħsbu b’mod kritiku, nidentifikaw l-aħbarijiet foloz, u nieħdu azzjoni. Mingħajr l-appoġġ tal-iskola tiegħi, ma kienx ikolli din l-oportunità. Issa, irrid inhegħeġ lill-oħrajn biex jinvolve ruħhom ukoll.

F’L-Ewropa Tiegħek, Leħnek, il-President tal-KESE, **Oliver Röpke** u l-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ, **Biliana Sirakova** semgħu l-ideat tagħna u hegħewna nkomplu nistinkaw għall-bidla.

L-istorja tiegħi u għaliex l-inklużjoni hija importanti

Twelidt fl-Irlanda, iżda l-ġenituri tiegħi maru hemm lejn l-aħħar tas-snin 90. Meta waslu, esperjenzaw l-imħabba u r-rispett tal-poplu Irlandiż. Ommi u missieri qaluli li matul dak il-perjodu, ftit kien hemm diversità fl-Irlanda. Minkejja dan, il-ġenituri tiegħi għexu tajjeb fis-snin 90.

Jien Irlandiż u jien Ewropew. Għandi wirt Alġerin. Xi drabi, ħassejtni differenti minn oħrajn, iżda fil-biċċa l-kbira nħossni bħal ħaddieħor. Tgħallimt ħafna minn kulturi differenti, u naħseb li dan huwa dak li jagħmel il-ħajja aħjar. Kieku konna lkoll l-istess, il-ħajja tkun monotona. Is-sigriet huwa li nkunu miftuħin għad-differenzi u l-fehim tal-oħrajn.

B’xorti ħażina, ċerti migranti u żgħażaġh illum jaffaċċjaw diskriminazzjoni, mibegħda u trattament inġust, li jistgħu jithegħgu mill-media soċjali. Jeħtieġ li din is-sitwazzjoni tinbidel. Ma tantx ninsab kuntent nara dan. Xi immigranti fl-Irlanda issa jinsabu f’diffikultà, qed jgħixu fit-toroq, u jitqiesu bħala problema. Mhuwiex faċli, u hija ħaġa ta’ qsim il-qalb.

Kelli x-xorti nattendi skejjel fejn kulħadd iħossu inkluż, iżda mhux iż-żgħażaġh kollha għandhom dik l-esperjenza. Jeħtieġ li niżguraw li ż-żgħażaġh kollha jħossuhom aċċettati u jkollhom sens ta’ appartenenza,

sabiex ma jħossu homx li tħallew barra jew maqtugħin mis-soċjetà.

Nibnu futur aħjar

Biex l-Irlanda u l-Unjoni Ewropea jsiru aktar inklużivi, neħtieġu edukazzjoni aħjar dwar kulturi differenti u x'tagħmel l-UE għalina. Dan se jgħin fil-fehim u se jtejjeb l-inklużjoni.

Neħtieġu avvenimenti komunitarji biex inlaqqgħu lin-nies flimkien u ninteraġixxu b'mod pożittiv ma' xulxin. Jeħtieġ li aktar żgħażaġħ ikunu involuti f'deċiżjonijiet fil-livell lokali, anke fi klabbs taż-żgħażaġħ, klabbs sportivi jew skejjes, jew fil-livell tal-UE. Dan se jwassal biex iħossu hom inklużi fl-affarijiet li huma importanti għalihom. Irridu nuru liż-żgħażaġħ kif jipparteċipaw.

Neħtieġu appoġġ mill-UE biex l-inklużjoni ssir prijorità. Kien sabiħ ħafna li wieħed jisma' li l-inklużjoni hija prijorità għall-KESE.

Dak li rrid għall-Ewropa

Ħafna żgħażaġħ ma tantx jafu dwar x'tagħmel l-UE għalihom. L-UE għandha tagħmel aktar biex tgħinna ninvolvu ruħna fil-politika u fl-elezzjonijiet.

Irrid Ewropa magħquda, ġusta u ta' akkoljenza, fejn il-persuni kollha jħossu hom inklużi, irrispettivament mill-isfond tagħhom.

L-Ewropa Tiegħek, Leħnek urietni li ż-żgħażaġħ jistgħu jagħmlu differenza. Anke jekk l-ideat tagħna mhux kollha jiġu aċċettati mill-ewwel, tal-inqas qed jingħataw widien. Bħala żagħżuġħ Irlandiż b'wirt Alġerin, inħoss li l-opinjoni tiegħi hija rilevanti, u rrid li oħrajn ikollhom opportunità bħali.

L-edukazzjoni tista' tgħin biex tlaqqa' lin-nies flimkien, tiġġielew id-diskriminazzjoni, u tagħti vuċi liż-żgħażaġħ. Se nieħu din l-esperjenza lura d-dar u nħeġġeġ lil oħrajn jinvolvu ruħhom. Il-futur tal-Ewropa jinsab f'idejna! Hija l-Ewropa tagħna u għandna vuċi!

Adam Mokhtari huwa student ta' 17-il sena mill-Irlanda. Huwa jattendi l-iskola sekondarja Bremore Educate Together f'Balbriggan qrib Dublin. B'passjoni għall-UE u biex is-soċjetajiet isiru aktar inklużivi u propseri, Adam ħa sehem f'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2025 u kien rappreżentant tal-avveniment fil-Ġimgħa tas-Soċjetà Ċivili ta' din is-sena.



Avvenimenti b'al "L-Ewropa tiegħek, Leħnek" juru lill-Ukreni li l-Ewropa ma nesithomx

Bil-bumbardamenti fuq rashom għaddejjin kuljum, meta l-għan ewlieni tagħhom huwa li jibqgħu ħajjin, iż-żgħażaġħ Ukreni ma jaffordjawx jaħsbu dwar il-futur imbiegħed, tgħid Yevheniia Senyk ta' 18-il sena, parteċipanta tal-Ewropa Tiegħek, Leħnek

2025 u attivista żgħażuġha mill-Ukrajna. Hija taqsam magħna kif il-gwerra affettwat l-

organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh f'pajjiżha u għaliex huwa importanti li jingħataw vuċi fix-xena Ewropea.

Kif taħseb li l-organizzazzjoni tiegħek ġiet affettwata f'dawn l-aħħar tliet snin mill-gwerra fl-Ukrajna, u kif inbidlu l-operazzjonijiet tiegħek?

Iffurmata fl-2013, l-għan ta' SD Platform huwa li niproteġu valuri bħal-libertà, is-solidarjetà, l-ugwaljanza u l-ġustizzja minħabba li nemmnu li dawn huma l-aktar valuri importanti biex jinħoloq futur progressiv fl-Ukrajna. Għandna wkoll bosta fergħat barranin biex jinżamm l-involviment taż-żgħażaġh Ukreni li jinsabu barra mill-pajjiż li kienu mgieġhla jitolqu minn djarhom.

L-ewwel nett, il-gwerra kellha impatt fuq il-ħidma tal-fergħat reġjonali peress li bosta mill-fergħat li għandna, pereżempju, f'Odessa u f'Zaporizhzhia, jinsabu qrib ħafna taż-żoni l-aktar esposti u n-nies hemmhekk jesperjenzaw il-bumbardamenti tal-bombi kuljum. Huwa diffiċli għalihom li jaħsbu dwar l-organizzazzjoni ta' avvenimenti meta l-għan ewlieni tagħhom huwa li jibqgħu ħajjin. Il-bumbardamenti ta' kuljum jaffettwaw liż-żgħażaġh fil-pajjiż kollu għaliex ma tistax taħseb dwar il-futur imbiegħed jekk lanqas biss taf x'se jiġri għada jew saħansitra f'temp ta' sagħtejn.

Barra minn hekk, minħabba l-gwerra, is-sitwazzjoni finanzjarja fl-Ukrajna hija instabbli, u dan jirriżulta f'nuqqas ta' impjieg għaż-żgħażaġh. Iż-żgħażaġh iridu jsibu impjieg fl-istess ħin li qed jippruvaw jistudjaw u jkunu involuti fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh; dan huwa bilanċ diffiċli biex jinkiseb.

Wara l-invażjoni fuq skala sħiħa, ħafna żgħażaġh bdew jiġġieldu kontra l-aggressjoni Russa b'armi f'idejhom minflok permezz ta' kunsilli taż-żgħażaġh jew organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. B'riżultat ta' dan, iż-żgħażaġh ma għandhomx esperjenza politika. Fil-futur se jkun diffiċli li jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jipparteċipa b'mod adegwat fil-politika.

Fuq SD Platform aħna nipprovdu edukazzjoni politika, bla ħlas u mhux formali biex niżguraw li ż-żgħażaġh ikunu jafu kif jistgħu jinfluwenzaw il-politika fil-livelli reġjonali u nazzjonali.

Għaliex taħseb li huwa importanti li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jew ir-rappreżentanti ta' dawn l-organizzazzjonijiet jiġu f'avvenimenti bħall-Ewropa Tiegħek, Leħnek?

L-ewwel nett, dawn l'avvenimenti internazzjonali juru lill-Ukreni li l-Ewropa ma nesitniex. Huwa importanti għalina li nkunu hawn, li jkollna vuċi, li nistaqsu lill-oħrajn dwar l-esperjenzi tagħhom u li nġibu lura ideat ġodda f'pajjiżna.

Barra minn hekk, dan juri li aħna kapaċi, u aħna impenjati li nsiru parti mill-Unjoni Ewropea għaliex jekk ninsabu hawn, iż-żgħażaġh Ewropej jistgħu jisimgħuna u nistgħu nisimgħuhom. Din hija bħal sħubija bejnietna lkoll.

X'taħseb li jeħtieġu ż-żgħażaġh bħala appoġġ, bħala għajnuna, biex iħeġġuhom jibqgħu involuti fil-ħidma fost iż-żgħażaġh u fl-attivizzmu taż-żgħażaġh?

Naħseb li huwa importanti ħafna li l-Unjoni Ewropea tikkonsulta maż-żgħażaġh Ukreni. Naħseb li jekk l-Unjoni Ewropea tkompli tipprovdi dawn l-opportunitajiet biex ikollna vuċi fit-tfassil tal-politika tal-UE, se nilħqu konklużjonijiet komuni li se jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat għaliex aħna parti mill-Ewropa, għalhekk trid tkun konklużjoni komuni fl-oqsma kollha ta' politika. Barra minn hekk, jekk l-Unjoni Ewropea tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju liż-żgħażaġh Ukreni biex jipparteċipaw f'avvenimenti bħal dan, se

tħeġġiġhom jibqgħu involuti fil-politika peress li l-piż finanzjarju mhux se johlq ostaklu daqshekk kbir għall-parteċipazzjoni.

Yevheniia Senyk hija attivista żgħażuġha ma' SD Platform, organizzazzjoni membru tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-Ukrajna. Hija studenta tar-relazzjonijiet internazzjonali fl-Università Nazzjonali Politeknika ta' Lviv.



L-involvement ta' għażiż għandu jmur lil hinn milli sempliement nimmarkaw kaxxa

Qatt qabel ma kellna ġenerazzjoni edukata bħal din b'tant potenzjal, iżda wkoll taħt tant pressjoni u qed tiffaċċja tant dubji dwar il-ġejjieni, jgħid espert taż-żgħażaġħ u kelliem ewlieni f'L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2025, Bruno António. Huwa tkellem mal-

KESE Info dwar kif jistgħu jiġu amplifikati l-ilħna taż-żgħażaġħ u għaliex, fi żmien meta d-diskriminazzjoni u l-ksenofobija qed jiżdiedu fl-Ewropa, huwa kruċjali li l-programmi futuri tal-UE għaż-żgħażaġħ ikomplu jgħallmuhom dwar l-importanza tad-demokrazija.

1. Illum iż-żgħażaġħ huma passivi jew attivi fil-ħajja politika u komunitarja? B'liema modi jistgħu ż-żgħażaġħ ikunu aktar involuti fit-tfassil tal-politika?

Studji differenti juru li ż-żgħażaġħ jimpurtaw minn dak li qed jiġri u jipparteċipaw b'mod attiv. Jekk niddefinixxu l-impenn politiku bħala li tkun konxju minn kwistjonijiet kritiċi tas-soċjetà, huwa evidenti li ż-żgħażaġħ qed jieħdu azzjoni biex jixprunaw il-bidla. Dak li huwa partikolarment interessanti hu kif jagħżlu li jinvolvu ruħhom. Il-modi tradizzjonali ta' parteċipazzjoni jinkludu l-votazzjoni, il-volontarjat fl-NGOs jew is-sħubija fil-fergħat taż-żgħażaġħ tal-partiti politiċi. Illum, dawn jidhru li huma inqas popolari fost iż-żgħażaġħ, li jippreferu jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika pubblika billi jiffirmaw petizzjonijiet jew billi jipparteċipaw fi protesti u modi innovattivi oħra. F'[DYPALL Network](#), nesploraw dawn l-għodod ta' involviment, li jinkludu konsulenti, parteċipazzjoni f'kunsilli lokali taż-żgħażaġħ, u mekkaniżmi lokali oħra ta' dialogu maż-żgħażaġħ. Aħna naraw interess qawwi fost iż-żgħażaġħ biex jipparteċipaw, iżda l-biċċa l-kbira tal-mekkaniżmi ġenerali la għadhom favorevoli għaż-żgħażaġħ u lanqas huma verament sinifikanti.

2. Ir-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej u l-istħarriġ nazzjonali reċenti juru li ħafna żgħażaġħ ivvutaw għall-partiti tal-lemin. Għaliex taħseb li dan huwa hekk u taħseb li din hija xejra inkwetanti li tista' tipperikola l-valuri Ewropej bħall-ugwaljanza u l-inklużjoni?

Iż-żieda fil-voti tal-lemin fost iż-żgħażaġħ hija xejra inkwetanti. Nemmu li dan jirriżulta minn nuqqas ta' sodisfazzjon bil-politika ġenerali, nuqqas kbir ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet politiċi, xewqa għal identità nazzjonali b'saħħitha, u biża' dwar is-sigurtà ekonomika u soċjali. Irridu nkunu kapaċi nifhmu l-kawżi ewlenin ta' dawn it-tendenzi allarmanti ta' votazzjoni. Din il-ġenerazzjoni kibret fi żmien ta' kriżijiet kostanti u inċertezza dwar il-futur tagħhom. Qatt qabel ma kellna ġenerazzjoni edukata bħal din b'tant potenzjal, iżda wkoll taħt tant pressjoni u qed tiffaċċja tant dubji dwar il-ġejjieni. L-algoritmi tal-midja soċjali jamplifikaw il-kontenut polarizzanti, u jsawru l-perspettivi.

Dan kollu joħloq inċertezza dwar il-futur. Li tivvota għall-partiti populistici tista' tkun kemm forma ta' protesta kif ukoll ta' nuqqas ta' sodisfazzjon ġenerali minn naħa waħda. Iżda min-naħa l-oħra, tista' tirrifletti wkoll ix-xewqa għal vuċi b'saħħitha fil-poter li ġġib sens ta' sigurtà. Madankollu, l-istorja wriet li meta tali partiti populistici tal-lemin jiksibu l-poter, iż-żgħażaġħ spiss jitlef t-tama tagħhom u jħossuhom traduti. Ħafna drabi dan ikun tard wisq meta jirrealizzaw li d-drittijiet, il-libertajiet u valuri importanti oħra għalihom qed jinfexx jew jidubitati.

Din it-tendenza diġà qed tipperikola l-valuri Ewropej tagħna, iżda nistgħu naraw dan mhux biss fid-diskors politiku iżda wkoll fil-ħajja ta' kuljum tan-nies fil-komunitajiet tagħna, fejn l-atti ta' ksenofobija jew diskriminazzjoni lejn dawk li huma differenti qed isiru normalizzati. Għalhekk, huwa essenzjali li l-programmi futuri tal-UE għaż-żgħażaġħ ikompli jappoġġjaw liż-żgħażaġħ fil-fehim tal-importanza tad-demokrazija, fit-tagħlim dwarha u fl-esperjenza tagħha, u jgħinu ukoll jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex jibnu r-reżiljenza kontra t-theddid ikkawżat mill-movimenti antidemokratiċi.

3. Iż-żgħażaġħ Ewropej kemm huma konxji ta' x'qed tagħmel għalihom l-UE? Kif jistgħu jiġu mħeġġa jieħdu interess akbar fl-UE? Kif tivvaluta l-isforzi ta' komunikazzjoni tal-UE?

Nistgħu ngħidu faċilment li l-għarfien taż-żgħażaġħ dwar x'tagħmel l-UE għalihom huwa ċertament ogħla milli fil-ġenerazzjonijiet akbar fl-età. Programmi taż-żgħażaġħ bħal Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES), u DiscoverEU jikkontribwixxu għall-bini ta' dan is-sens ta' appartenenza għal identità Ewropea, u għandhom jissaħħu u jsiro disponibbli għaż-żgħażaġħ kollha fl-Ewropa.

Iżda huma tassew konxji ta' x'qed tagħmel l-Ewropa għalihom? Fl-opinjoni tagħna, le. Il-kapaċità tal-UE li turi l-impatt tagħha fuq is-soċjetà – speċjalment fuq iż-żgħażaġħ – jeħtieġ li tkun aktar viżibbli u mifhuma aħjar. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE għandhom impatt enormi, u dan għandu jħeġġeġ liż-żgħażaġħ jieħdu interess akbar fil-kwistjonijiet tal-UE. Kif? Wieħed għandu jżomm f'moħħu żewġ ideat: l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jibagħtu messaġġ li jfiehmen sew li dak li jiġi deċiż fil-livell tal-UE jaffettwa direttament il-ħajjithom. Barra minn hekk, għandhom jespandu l-programmi li joffru liż-żgħażaġħ aktar opportunitajiet biex jingħallmu dwar l-UE, jesperjenzawha u jiskopruha. Dan jista' jżid is-sens ta' appartenenza, empatija, konnessjoni u ħbiberija fost l-Ewropej.

Minkejja sforz enormi li sar minn istituzzjonijiet differenti tal-UE biex jilħqu liċ-ċittadini, u minkejja titjib sinifikanti f'diversi kampanji u għodod, ma nistgħux ngħidu li dawn huma biżżejjed. Fil-prattika, ħafna drabi huma 'l bogħod mir-realtà taż-żgħażaġħ.

Waqt li l-UE għamlet progress fil-preżenza tal-media soċjali u fil-kampanji mmirati lejn iż-żgħażaġħ, il-messaġġi tagħha għadhom neqsin minn dik il-kwalità li wieħed jista' jirrelata magħha, speċjalment iż-żgħażaġħ diversi fis-soċjetajiet tagħna. L-isforzi ta' komunikazzjoni tal-UE jeħtieġu aktar żvilupp u strutturar billi jiġu inkorporati metodi ġodda ta' sensibilizzazzjoni, bħar-reklutaġġ ta' NGOs taż-żgħażaġħ bħala ambaxxaturi tal-ilħna taż-żgħażaġħ, l-iżvilupp ta' pjattaformi deċentralizzati għas-sensibilizzazzjoni, u l-istrutturar ta' kampanji ta' rakkontar tal-istejjer li jgħaqqdu l-politiki tal-UE ma' esperjenzi ta' kuljum. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li wieħed jesperimenta b'approċċi ġodda ta' komunikazzjoni u li iż-żgħażaġħ ikunu involuti direttament fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' kampanji u sforzi oħra ta' komunikazzjoni.

2. Kif nistgħu namlifikaw l-ilħna taż-żgħażaġħ?

Billi jittieħdu bis-serjetà u jiġi rikonoxxut il-valur tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom is-setgħa u l-kapaċità li jamlifikaw l-ilħna taż-żgħażaġħ, iżda dak li xi drabi jkun nieqes huwa r-rieda li jipprovdu l-ispazju, l-appoġġ, l-opportunitajiet u l-għodod biex jinvolvuhom b'mod sinifikanti. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ m'għandhiex tiġi ttrattata bħala lista ta' kontroll fejn iż-żgħażaġħ jiġu mistiedna għal avvenimenti pubbliċi, jittieħdu ritratti għall-media soċjali, u mbagħad il-kontributi tagħhom jiġu ttraskurati. Il-parteċipazzjoni taż-

żgħażaġħ jeħtieġ li jkollha impatt, li jfisser li ż-żgħażaġħ jeħtieġ li jaraw ir-riżultati tal-involviment tagħhom u l-bidliet li jseġwu minn dan.

L-amplifikazzjoni tal-ilġna żgħażaġħ teħtieġ appoġġ istituzzjonali, bħar-rappreżentanza taż-żgħażaġħ fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan jirrikjedi wkoll il-bini tal-fiduċja, li tiegħu ż-żmien, u spazji u proċessi ta' kwalità biex naħdmu flimkien. Biex dan iseħħ, irid jiġi allokat finanzjament adegwat, u l-istituzzjonijiet jeħtieġu l-kapaċità li jaħdmu aħjar u jinvolvu liż-żgħażaġħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan jitlob investiment, impenn ġenwin u ħin.

Bruno António huwa Direttur Eżekuttiv f'DYPALL Network, pjattaforma Ewropea tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali, u l-istituzzjonijiet tar-riċerka għall-promozzjoni tal-parteciġazzjoni taż-żgħażaġħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet lokali. Għal dawn l-aħħar 12-il sena, Bruno kien qed jaħdem bħala espert taż-żgħażaġħ u konsulent estern għal diversi istituzzjonijiet, bħall-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa. Qabel huwa serva bħala Segretarju Ġenerali taż-Żgħażaġħ għall-Iskambju u l-Fehim, kif ukoll Direttur Eżekuttiv fl-ECOS – Cooperativa de Educação, Cooperação e Desenvolvimento. Huwa għandu lawrja fl-Edukazzjoni Soċjali mill-Università ta' Algarve f'Faro, il-Portugall.

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Laura Lui (ll)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma

Christian Weger (cw)
Daniela Vincenti (dv)
Dimitra Panagiotou (dm)
Erika Paulinova (ep)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Laura Lui (ll)
Leonard Mallett (lm)
Marina Aiudi (ma)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanis (mg)
Margarida Reis (mr)
Millie Tsoumani (mt)
Pablo Ribera Paya (prp)
Samantha Falciatori (sf)
Parminder Shah (sp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Indirizz

European Economic and Social Committee
Jacques Delors Building,
99 Rue Belliard,
B-1040 Brussels, Belgium
Tel. (+32 2) 546.94.76
Email: eescinfo@eesc.europa.eu

EESC info is published nine times a year during EESC plenary sessions. EESC info is available in 24 languages
EESC info is not an official record of the EESC's proceedings; for this, please refer to the Official Journal of the
European Union or to the Committee's other publications.

Reproduction permitted if EESC info is mentioned as the source and a link is sent to the editor.

03/2025